**IL-KTIEB** Dan il-ktieb fih ġabra ta' artikli ta' Lino Briguglio, li nkitbu f'dawn l-aħħar sentejn. L-ewwel tnax fihom tagħrif dwar id-DUTTRINA SOĊJALISTA. Dawn huma rranġati b'mod li kull artiklu jżid ma' ta' qablu, u t-tnax f'daqqa jmissu l-prinċipji fundamentali tas-soċjaliżmu. Imbagħad jinstabu tliet artikli dwar il-MARA. L-ideja ewlenija ta' dawn it-tliet artikli hi li s-soċjaliżmu biss iwassal għall-ħelsien tal-mara. Wara hemm erba' artikli dwar il-PARTITI POLITIĊI ewlenin ta' Malta, jiġifieri l-Partit Nazzjonalista, li huwa anti-soċjalist, u l-Partit tal-Ħaddiema, li qed iwettaq politika soċjalista-demokratika. Iż-żewġ artikli ta' wara huma dwar in-NEO-KOLONJALIŻMU. Fl-aħħar nett il-ktieb fih ġabra ta' tmien artikli b'tagħrif ġenerali li għandu x'jaqsam, b'xi mod jew ieħor, mas-soċjaliżmu.

Il-ktieb fih għadd ta' riferenzi u noti, li jgħinu l-qarrej jifhem aħjar x'irid jgħid l-awtur. Barra minn hekk, hemm werrej dettaljat tal-kliem.

L-awtur ġabar dawn l-artikli f'għamla ta' ktieb bl-għan li jkompli jinfirex it-tagħlim dwar is-soċjaliżmu f'Malta. Il-ktieb m'huwiex maħsub biex ikun xi trattat dwar is-soċjaliżmu, imma biss bħala introduzzjoni, biex min jaqrah jitħajjar jaqra u jistudja aktar dwar dan is-suġġett.

**L-AWTUR** Lino Briguglio twieled fl-1944, studja f'San Alwiġi, fil-Kulleġġ Malti tal-Edukazzjoni, fi Plater College, Oxford u fl-Universita' ta' Malta. Huwa gradwat fl-ekonomija mill-Universita' ta' Malta, u diplomat fl-istudji soċjali mill-Universita' ta' Oxford. Bħalissa huwa mpjegat bħala għalliem tal-ekonomija fl-Universita' ta' Malta.

Briguglio huwa attiv fi ħdan il-Partit tal-Ħaddiema Malti u l-Għaqda Żgħażagħ Soċjalisti. Huwa membru tal-eżekuttiv tal-partit, bħala uffiċjal inkarigat mir-riċerka u edukazzjoni, u tal-bureau tal-Għaqda Żgħażagħ Soċjalisti.



# IS-SOCJALIZMU

## LINO BRIGUGLIO

MZS,X
P.B.127
B

Royal
University of Malta
Library

Progressive No. of Work 111581
No. of Volumes ONE
Class Mark MZS, X
P.B.127 B

REFERENCE

Remarks
*111581*

# IS-SOCJALIZMU

gabra ta' kitbiet minn

**LINO BRIGUGLIO**

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

Stampat fl-"UNION PRESS"

Valletta Malta.

Settembru 1976

*L-artikli li huma miġbura f'dan il-ktieb lkoll dehru f'"It-Torċa". Id-data li tidher wara kull artiklu hija dik tal-ħarġa ta' "It-Torċa" meta deher l-artiklu għall-ewwel darba.*

*L-awtur jirringrazzja lill-editur u l-ħaddiema ta' "It-Torċa" għall-għajnuna li sab minnhom.*

*L-artikli, sħaħ jew siltiet minnhom, jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr permess ta' l-awtur.*

B'dedika

lill-klassi tal-ħaddiema.

# WERREJ


| | | paġna |
|---|---|---|
| 1. | It-Tixrid tas-Soċjaliżmu | 1 |
| 2. | Qligħ Żejjed | 3 |
| 3. | Fabbrika tad-Duttrina Kapitalista | 4 |
| 4. | It-Tbarrija | 6 |
| 5. | Il-Moralita Kapitalista | 7 |
| 6. | It-Taqliba | 9 |
| 7. | Il-Qawwa tal-Kotra | 10 |
| 8. | Il-Qligħ tal-Ħaddiema | 11 |
| 9. | It-Twettiq tal-Idejal | 13 |
| 10. | Is-Soċjalist u n-Nisrani | 14 |
| 11. | La Għażżien, Lanqas Ħanżir | 16 |
| 12. | Drittijiet u Dmirijiet | 18 |
| 13. | Il-Mara u s-Soċjaliżmu | 19 |
| 14. | Il-Mara u x-Xogħol | 21 |
| 15. | Mill-Kustilja tar-Raġel | 23 |
| 16. | La Soċjalisti, Lanqas Kapitalisti | 24 |
| 17. | Il-Progress | 27 |
| 18. | L-Għedewwa tas-Soċjaliżmu | 28 |
| 19. | Il-Partit Soċjalista u l-Komuniżmu | 30 |
| 20. | In-Neo-Kolonjaliżmu | 33 |
| 21. | Muviment għall-Ħelsien | 34 |
| 22. | Il-Liġi u l-Qorti | 35 |
| 23. | Servizz mit-Tobba | 38 |
| 24. | Għajnuna Finanzjarja fl-Edukazzjoni Ogħla | 39 |
| 25. | Il-Faxxiżmu f'Malta | 41 |
| 26. | Żgħażagħ agħtu l-Vot lil min Taħulkom | 42 |
| 27. | Obbligazzjonijiet u Offiżi | 45 |
| 28. | X'Inhuma l-Valuri Nsara | 46 |
| 29. | Is-Sehem tal-Ħaddiem | 48 |
| | Riferenzi u Noti | 51 |
| | Werrej tal-Kliem | 55 |

# 1 — IT-TIXRID TAS-SOĊJALIŻMU

**"IRRIDU ngħallmu aktar id-duttrina soċjalista, u bil-miftuħ...... dan it-twemmin huwa l-pedament tal-futur." Dan il-kliem, tal-mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema, li ntqal lill-konferenza ġenerali tal-GWU f'Lulju '74[1] huwa twissija għal min jaħseb li m'għandux għalfejn jitgħallem x'inhu s-soċjaliżmu. Kliem bħal dan m'għandux ma jheġġiġx lil min jaf xi ħaġa dwar is-soċjaliżmu biex jaħdem ħalli din l-ideoloġija tkompli tinfirex.**

Fl-istess konferenza, il-Perit Mintoff qal: "Irridu nibnu soċjeta' fejn il-ħaqq ikun il-prinċipju fundamentali. Irridu nibnu soċjeta' fejn kulħadd jagħti dak li jista' għal pajjiżu, u jieħu kemm għandu bżonn." Il-mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema ma setax ikun ċar iktar minn hekk. Fisser x'inhu l-idejal bi kliem preċiżi. Dan hu l-għan li għalih kull soċjalist għandu jaħdem.

Min jista' jgħid li dan mhux idejal nobbli? Illum ħadd ma jista' jbellagħha lill-poplu li min hu sinjur għandu jkompli jistagħna, waqt li oħrajn ma jkollhomx x'jieklu. Il-prinċipju li kulħadd għandu jieħu mill-ġid tas-soċjeta' kemm għandu bżonn kulħad jaf li huwa prinċipju tajjeb. Lanqas ma jista' jingħad li l-għażż huwa ta' min jinkoraġġih. Il-prinċipju li kulħadd għandu jaħdem kemm jista' għal ġid tas-soċjeta' ma tistax ma taqbilx miegħu. Min tassew irid it-tajjeb m'għandux jeħodha kontra dawn il-prinċipji. Imma l-għedewwa tal-klassi tal-ħaddiema xorta jmaqdru dan l-idejal. Jgħidu li dan hu idejal komunista.

M'għandix għalfejn ngħid li r-rejazzjonarji ta' spiss jgħajjru "komunist" lil min ikollu tendenzi progressivi. Ħafna drabi ssib, li min jgħajjar, lanqas biss ikun indenja ruħu jfittex u jifhem x'inhi t-tifsira tal-komuniżmu. L-iskop tar-rejazzjonarji ikun li jitfgħu it-tajn fuq il-kelma "komuniżmu", biex imbagħad meta jaqblilhom, ibeżżgħu n-nies biha.

L-idejal soċjalista mhux xi monopolju tal-komunisti. Il-ħidma soċjalista kollha għandha dan l-idejal bħala l-għan aħħari. Bħalissa hawn ħafna partiti li qed jippruvaw iwettqu soċjeta' soċjalista, imma mhux kull partit juża l-istess metodi u mezzi biex jilħaq dan l-għan. F'artikli oħra, ġieli spjegajt kif xi partiti komunisti jemmnu li biex jintlaħaq l-għan aħħari hemm bżonn dittatura tal-ħaddiema,[2] għax sistema parlamentari, skond dawn il-komunisti, mhix tajba. F'xi pajjiżi din it-tip ta' dittatura kienet meħtieġa waqt il-mogħdija mill-kapitaliżmu għas-soċjaliżmu, għax kieku l-ħaddiema ma wżawx id iebsa kontra r-rejazzjonarji, x'aktarx li r-rivoluzzjoni kienet tisfa fix-xejn, u minflok titwettaq dittatura kontra l-ħaddiema mir-rejazzjonarji.[3] Iċ-Ċili jagħtina eżempju tajjeb ta' sitwazzjoni fejn is-sistema parlamentari ma ħadmitx. Imma għalkemm id-dittatura tal-ħaddiema kellha xi siwi f'xi pajjiżi barranin, f'Malta (u nistgħu ngħidu fl-Ewropa tal-punent kollha) dittatura bħal din ma tiswiex.

Dawk is-soċjalisti li ma jemmnux fid-dittatura u lesti li jħaddmu sistema parlamentari ġieli jissejħu demokratiċi. Dawn igħidu li t-taqliba tista' tirnexxi, u l-għan aħħari tas-soċjaliżmu jista' jintlaħaq, permezz ta' riformi li jingħataw qawwa legali mill-parlament. Ma nistgħux ngħidu li s-soċjalisti demokratiċi[4] kollha rnexxielhom jużaw sew din it-tattika, għaliex sfortunatament, kien hawn u għad hawn partiti soċjalisti demokratiċi, f'pajjiżi barranin, li kkoperaw wisq mal-kapitalisti. Imma nistgħu ngħidu wkoll li r-riformi soċjali siewja li saru fl-Ewropa tal-punent ma kienux isiru kieku ma kienx hemm partiti soċjalisti demokratiċi.

F'Malta, il-Partit tal-Ħaddiema qed iwettaq taqliba[5] minn soċjeta' mibnija fuq prinċipji kapitalisti, għal soċjeta' soċjalista, mingħajr dittatura. It-tmexxija politika u ekonomika ta' pajjiżna qed issir permezz tal-parlament, fejn l-opożizzjoni tista' tivvota kontra kull liġi, tista' tkellem u tinfluwenza l-poplu, u fl-elezzjoni tista' tiġġieled biex tirbaħ maġġoranza ħalli tieħu r-riedni tal-pajjiż f'idejha. Għaldaqstant it-tip ta' politika soċjalista mħaddma f'Malta hija differenti minn dik imħadma minn partiti komunisti f'xi pajjiżi barranin. Dan il-punt għandu jkun ċar għal kulħadd.

Jien inħoss li t-tip ta' politika soċjalista mwettqa f'Malta qed tħalli riżultati tajbin. Filwaqt li qed issir ħidma biex jinqata' l-għażż, u jitqassam il-ġid, id-demokrazija qed tissaħħaħ. Daż-żmien kulħadd jista', kważi bil-liberta' kollha, jikteb u jgħid li jrid, jaqra li jrid, jagħmilha ma' min irid, u jgħaqqad xirka meta u kif irid. Mhux qed ngħid b'daqshekk, li lħaqna l-perfezzjoni tad-demokrazija, imma meta tqabbel is-sitwazzjoni tal-lum, ma' dik ta' xi snin ilu, malajr tindunа kemm imxejna 'l quddiem f'dak li hu ħelsien.

Ara x'kien jiġri taħt ħakma nazzjonalista. Il-gazzetti soċjalisti kienu kkundannati, u ma tħallewx jidħlu f'postijiet tal-gvern. "Meetings" soċjalisti kienu jiġu sfrattati u partitarji soċjalisti kienu jiġu nsultati u msawta, minn gruppi organizzati. Fuq kollox, min kien soċjalista kien jiġi miżmum bħala midneb pubbliku. Barra minn hekk, il-Malti kien jitfa seftur tal-barrani f'Malta stess. Saħansitra l-baħrin Ingliżi u Amerikani kien ikollna nistmawhom ta' allat żgħar, li ma mmorrux nitilfu l-loqom li kienet ittina n-NATO.

Minkejja dan kollu, ir-rejazzjonarji joħorġu bis-slogan "Liberta' jew Soċjaliżmu". Veru li r-rejazzjonarji jridu l-liberta', u jibżgħu mis-soċjaliżmu. Imma l-liberta' li jħobbu r-rejazzjonarji hija dik li tagħti lok lill-kapitalisti u ħallelin oħra jagħmlu li jridu. Liberta' bħal din twassal biex il-ħaddiem bieżel u għaqli jaqla' bis-sieq.

Meta jkun jaqblilhom, ir-rejazzjonarji jassoċjaw irwieħhom saħansitra ma' l-agħar dittaturi, u xorta jibqgħu jippriedkaw il-liberta'. Ħudu l-Partit Nazzjonalista bħal exempju. Xi Nazzjonalisti ma qagħdux jaħsbuha jinħabbu mal-faxxisti Taljani bejn iż-żewġ gwerer, u llum, xi wħud malajr għamlu ħbieb ma ex-Nazista biex iġibu flus ħalli jkomplu jingannaw lill-ħaddiema.

Imma l-maskra tar-rejazzjonarji qed tiċċarrat bil-mod il-mod, u t-tendenzi veri tagħhom qed jinkixfu. Aktar ma jikber it-tagħlim soċjalista, aktar joħroġ fil-beraħ l-ingann tagħhom. Aktar ma l-ħaddiema jkunu armati sew bit-tagħlim tal-ideoloġija soċjalista, aktar ikollna ħaddiema tal-id, tal-pinna u tal-moħħ li jifhmu li l-ħelsien jitwettaq biss bis-soċjaliżmu.

**8.8.76**

# 2 — QLIGH ŻEJJED

**F'ARTIKLU ieħor kont ktibt illi f'Malta nsibu individwi illi jgħixu minn fuq dahar il-ħaddiem. F'Malta, il-ħaddiema jipproduċu ħafna ġid, imma l-flus li jinqalgħu minn din il-produzzjoni tal-ħaddiema ma jmorrux kollha għand il-ħaddiema, għax parti minn dan il-qligħ imur għand inidividwi li ma jaħdmux, u li jkunu sidien tal-mezzi tal-produzzjoni.**

Haddiem mhuwiex biss dak li jagħmel xogħol ta' l-idejn, imma wkoll dak li jagħmel xogħol tal-pinna u tal-moħħ. Ta' dan ix-xogħol, il-ħaddiem jieħu ħlas, li ġeneralment ikun forma ta' paga. Il-paga hija parti mill-ispejjeż li jħallas sid l-impriża biex jitlesta l-prodott. Barra l-paga, l-ispejjeż jinkludu wkoll kera, imgħax fuq il-kapital użat mill-impriża, fuel, elettriku, trasport, materjal u oħrajn. L-ispejjeż tal-produzzjoni, għalhekk, jekk tgħoddhom flimkien jagħtuk il-valur tal-prodott.

Il-valur tal-prodott għalhekk juri xi qligħ sar mill-ħaddiema f'forma ta' paga, xi qligħ sar min sid il-kera, minn dak li silef flusu għall-impriża, minn dak li biegħ materjal biex jinħadem fl-impriża, u qligħ ieħor li mar għand dawk li b'xi mod kellhom x'jaqsmu mal-produzzjoni. Fi kliem ieħor, il-valur jikkorrespondi mal-qligħ li jsir biex jinħadem l-prodott.

Ħa nieħdu eżempju. Jekk ġo fabbrika f'xahar saru 1,000 prodott, u intefqu £M1,000 pagi, £M50 kera, £M50 imgħax, £M1,000 materjal u £M400 spejjeż oħra, l-ispejjeż b'kollox jammontaw għall-£M2,500. Jiġifieri prodott wieħed biex jitlesta, jiġi jiswa £M2.50ċ. Dan wara li jkun tħallas kulħadd, inkluż is-sid jekk dan ikun jaħdem, u jkun ħaqqu l-paga, u jekk ikollu flusu fil-"business" u jkun ħaqqu l-imgħax. (Wara kollox, jekk ix-xogħol li jkun jagħmel is-sid isir minn xi ħadd ieħor, jew il-kapital jiġi minn għand xi ħadd ieħor, dawn l-ispejjeż xorta jridu jsiru).

Meta l-prodott li jqum £M2.50ċ jitlesta, isir proprjeta' tas-sid. Is-sid jista' jbiegħu £M2.50ċ 'l wieħed u ma jkunx qed jitlef. Jekk is-sid ikun qed jaħdem fil-fabbrika, kif ġa għidna, il-prezz ta' £M2.50ċ suppost ikun jinkludi fih is-sehem li ħaqqu s-sid bħala paga. U jekk is-sid ikollu flusu investiti fil-business il-prezz ikun jinkludi fih l-interessi. Jiġifieri b'£M2.50ċ is-sid ikun qed jitħallas ta' xogħlu u tal-flus li ssogra fl-impriża.

Issa l-problema tal-kapitaliżmu tibda minn hawn, għaliex ġieli l-kapitalist ikollu s-setgħa jżid il-valur[6] tal-produzzjoni (dejjem jekk il-gvern ma jkunx jimponi fuqu ċerti miżuri soċjalisti). Per eżempju, jista' flok £M2.50ċ ibiegħ il-prodott bi £M3. Dan ifisser li mill-prodott isir qligħ żejjed ta' 50ċ. Dan il-qligħ imur għand is-sid, u dak li jixtri l-prodott ikollu jħallas 50ċ żejda sempliċiment għaliex sid il-produzzjoni jkun qed jieħu qligħ żejjed, barra mill-paga u mill-interessi li jkun ħaqqu.

Il-qligħ żejjed mhux dejjem ikun ta' l-istess daqs. Aktar ma sid il-produzzjoni jkollu setgħa fuq is-suq, aktar ikun jista' jagħmel qligħ żejjed. Is-setgħa fuq is-suq tiġi jekk il-konsumatur, dak li jixtri, ma jkollux għażla tajba għax il-prodott ikun bżonjuż u jkollu, jrid u ma jridx, jixtrih bil-prezz li jiddettalu l-kapitalist. Jiġifieri aktar ma s-sid ikollu monopolju, aktar ikun jista' jgħolli l-prezz, biex b'hekk aktar ikollu qligħ żejjed. Ix-xerrej isib ruħu f'pożizzjoni li jew jixtri bl-għoli jew



jibqa' b'xejn.

Hawn min għandu l-impressjoni li dan ma jiġrix fil-kapitaliżmu għaliex f'din is-sistema ikun hawn ħafna bejjiegħa li jikkompetu bejniethom. Di-fatti, l-aktar skuża li tinġieb favur il-kapitaliżmu hija li jkun hawn il-kompetizzjoni. Imma l-esperjenza turi li dan mhux minnu, għaliex fejn ma jindaħalx il-gvern biex jikkontrolla l-kapitalist, il-konsumatur jiġi misruq. Huwa minħabba f'hekk li kważi fil-pajjiżi kollha tad-dinja, ittieħdu miżuri soċjalisti biex il-kapitaliżmu jiġi kkontrollat ħalli l-qligħ żejjed jitnaqqas.

Fejn hemm il-kapitaliżmu għalhekk, jekk wieħed jgħodd il-qligħ mill-produzzjoni kollha li ssir fil-pajjiż, wieħed isib li parti minn dan il-valur ma huwiex ħlas ta' kontribut għall-produzzjoni, imma ħlas li l-kapitalist ikun qed jisraq.

Minħabba f'hekk il-kapitalist ma għandux jitħalla jiddeċiedi hu waħdu kemm ikun il-prezz. Kieku jitħalla waħdu jkun jista' jabbuża mill-monopolju li jgawdi, qisu qed jgħid lill-konsumatur, "jew tixtri minn għandi bi prezz li ngħid jien, jew ma nbigħlekx, u l-istess se jgħidulek il-bejjiegħa l-oħrajn li huma l-kompetituri tiegħi". Is-soċjaliżmu ma jittollerax sitwazzjoni bħal din.

Is-Soċjaliżmu huwa rimedju biex il-ġid isir bil-koperazzjoni ta' kulħadd u jitqassam skond il-ħtieġa ta' kulħadd. F'sistema soċjalista ħaddiema ta' l-id, tal-pinna u tal-moħħ, u l-familji tagħhom, ikunu jistgħu jgawdu mill-frott tax-xogħol, għaliex ikunu qed jagħtu kontribut, skond kemm jistgħu biex issir il-produzzjoni meħtieġa. Dan hu l-ideal u bħala soċjalist għandna lkoll naħdmu għal dan l-ideal.

**19.1.75**

# 3 — FABBRIKA TAD-DUTRINA KAPITALISTA

**IL-ĠIMGħA li għaddiet ktibt li f'sistema kapitalista s-sidien tal-mezzi tal-produzzjoni jkunu jistgħu, jekk iridu, jagħmlu qligħ żejjed. Dan il-qligħ ikun jista' jsir għaliex ġeneralment, il-kapitalist ikollu xi forma ta' monopolju.**

Monopolju jfisser sitwazzjoni fejn dak li jipproduċi l-prodott għall-bejgħ ikollu s-setgħa jgħolli l-prezz mingħajr ma jitlef ħafna bejgħ. Kif taraw għalhekk, monopolju mhux dejjem ikun ta' l-istess grad, imma jiddependi fuq kemm tkun kbira s-setgħa li jkollu l-produttur fuq is-suq. Biex wieħed ikollu grad għoli ta' monopolju irid jelimina kemm jista' kompetituri u, barra minn hekk, irid ikun ibiegħ prodott meħtieġ u li ftit jinstabu sostituti għalih. Per eżempju, kieku hawn Malta hawn furnar wieħed biss, kieku dan ikollu monopolju fuq il-ħobż, u jkun jista' jgħolli l-prezz ta' dan il-prodott meħtieġ bla ma jitlef ħafna xerrejja. Dan jiġri għax, fl-eżempju msemmi, ma jkunx hemm la kompetituri, u lanqas sostituti tajbin għall-prodott.

Min-naħa l-oħra fit-tejorija jiġri li aktar ma jkun hawn kompetituri, u aktar ma jkun hawn sostituti (jiġifieri l-konsumatur ikollu aktar għażla) il-bejjieħ ikollu grad ferm żgħir ta' monopolju. Per eżempju, bejjiegħ tal-ħut fis-suq tal-belt ftit ikun jista' jgħolli l-prezz għax il-konsumatur ikun jista'

jew jixtri tip ieħor ta' ikel, jew imur jixtri minn għand bejjiegħ tal-ħut ieħor. Dan ifisser li aktar ma l-konsumatur ikollu mnejn jagħżel bejn prodott u ieħor, u bejn bejjiegħ u ieħor, anqas ikun il-grad ta' monopolju, u bħala riżultat dak li jbiegħ ma tantx ikun jista' jagħmel qligħ żejjed.

Meta wieħed jistudja l-ekonomija f'ċerti universitajiet fil-pajjiżi tal-punent, x'aktarx li jitgħallem li f'sistema fejn ikun hemm il-KUMMERĊ ĦIELES, ma jkunx hemm monopolju, għax jingħad, kummerċ ħieles iwassal għall-kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa. Dan jiġifieri li ħafna tagħlim li jsir fl-universitajiet isir biex l-ekonomisti jiġu mħarrġa biex jiġġustifikaw sistema fejn il-kapitalist ikun jista' jagħmel li jrid. Skond l-argument li jinġieb, meta jkun hawn il-kompetizzjoni il-bejjiegħ ikollu jneħħi l-qligħ żejjed kollu biex ibiegħ kemm jista' b'kompetizzjoni ma' sħabu. Bħala riżultat allura f'sistema kapitalista, jingħad li l-konsumatur ma jiġix misruq, għax il-bejjiegħ waħdu jirregola l-prezz u jagħmlu baxx kemm jista' jkun.

Argument ieħor li jistudjaw l-ekonomisti, f'ċerti universitajiet tal-punent, inkluża l-Università ta' Malta, huwa li anki jekk hemm qligħ żejjed, din ma tkunx ħaġa ħażina. Ir-raġuni li tingħata hija li jekk ma jkunx hemm qligħ żejjed (bl-Ingliż "Net Profit") il-kapitalist ma jitħajjarx jinvesti flusu. Jekk il-kapitalist ma jinvestix flusu, il-pajjiż imur lura għax tonqos il-produzzjoni u jonqos ix-xogħol. Mela, skond dan l-argument, il-qligħ żejjed hemm bżonnu għax iservi ta' inċentiv ħalli l-kapitalist jinvesti flusu u fl-istess ħin ikun hawn il-liberta'; il-liberta' tal-bniedem teħtieġ kummerċ ħieles.

Dan hu t-tagħlim ekonomiku falz li qed jiġi mgħallem f'ħafna universitajiet anti-soċjalisti li m'huma xejn ħlief **fabbriki tad-dutrina kapitalista.** Jekk tinnotaw, dawn iż-żewġ argumenti jikkomplementaw lil xulxin. L-ewwel wieħed jiġġustifika l-kummerċ ħieles, għaliex jingħad li b'hekk il-kapitalist ikollu jikkompeti u jnaqqas il-qligħ żejjed. It-tieni argument jgħidlek li anke jekk ikun hemm qligħ żejjed, dan mhux ħaġa ħażina għax tħajjar l-investiment. Fuq dawn iż-żewġ kolonni hija mibnija t-teorija ekonomika tal-kapitaliżmu, u dawn iż-żewġ prinċipji qed jiġu mgħallma kważi bħal kredu lil ħafna studenti ta' l-ekonomija. Mingħajr ma jafu, ħafna studenti qed jitgħallmu fuq kotba u awturi li l-iskop tagħhom huwa li jiġġustifkaw is-sistema tal-kapitaliżmu, li mhi xejn ħlief sistema mibnija fuq l-isfruttar tal-ħaddiema u tal-konsumatur. Il-kapitalist mhux biss għandu mezzi biex jgħajjex lilu nnifsu permezz tal-flus kbar li jinqalgħu, imma wkoll bilìi jinfluwenza s-sistema edukattiva. Huwa għalhekk li ħafna korsijiet, x'aktarx li ssib fihom xejra anti-soċjalista.

Kieku wieħed jistudja sew il-prinċipji ekonomiċi tas-soċjaliżmu, wieħed isib li (1) mhux veru li fil-kummerċ ħieles, il-kompetizzjoni telimina l-qligħ żejjed (2) mhux veru li bla qligħ żejjed jonqos l-investiment.

Fil-kummerċ ħieles, jiġifieri meta ma jindaħalx il-gvern biex jikkontrolla l-kapitalist, il-kapitalisti jkollhom aktar liberta' biex jisfruttaw il-konsumaturi u l-ħaddiema, flok jikkompetu, jiftehmu biex ma "jgħarrqux is-suq", jaħżnu l-affarijiet għal skop ta' spekulazzjoni, u ma l-inqas sinjal ta' riċessjoni, jibagħtu l-ħaddiema 'l barra bla ħniena ta' xejn. Dawn huma fatti li ġraw, għax fi żmien il-"laisser-faire", (jiġifieri meta l-kaptalist seta' jagħmel li jrid) il-faqar fost il-poplu ġenerali, u l-isfruttar tal-ħaddiema kien fl-aqwa tiegħu. Illum, bil-mezzi soċjalisti, il-ġid qed jinqasam, għax il-kapitalist qed jiġi obbligat iħallas paga xierqa, ikeċċi ħaddiema biss meta jkollu raġuni xierqa, u barra minn hekk il-prezzijiet qed jiġu kkontrollati biex jitnaqqas il-qligħ żejjed.

L-argument l-ieħor, li jekk il-qligħ żejjed jonqos, jonqos l-investiment, huwa wkoll argument falz. Huwa veru li f'sistema kapitalista jekk ma jkunx hawn inċentivi, il-kapitalist ma jinvestix flusu. Imma dan ma jappli-kax f'sistema soċjalista. Gvern soċjalista jinvesti flusu mhux għax ikun hemm qligħ żejjed, imma għax hekk ikun jeħtieġ għall-pajjiż. Il-gvern magħżul mill-poplu għandu nteress li l-investiment isir għall-benefiċċju tal-poplu, kultant anki jekk ikun hemm it-telf, bħal fil-każ ta' l-edukazzjoni fejn il-flus li jintefqu jkunu ferm ogħla mill-flus li jidħlu. Dan għaliex is-soċjaliżmu jitlob li l-ewwel jiġi l-ġid tas-soċjeta', u mhux il-ġid tal-kapitalist. Mela lil dawk l-ekonomisti li jridu jbellgħuha lill-ħaddiema u lill-konsumaturi li l-qligħ żejjed huwa neċessarju ngħidulhom li l-ġustizzja soċjali titlob li l-produzzjoni għandha ssir skond il-ħtieġa tas-soċjeta', u mhux skond kemm ikun hemm interess privat u egoist tal-kapitalist. 26.1.75

# 4 — IT-TBARRIJA[7]

**F'SOĊJETA' SOĊJALISTA, l-individwu jikkopera ma' oħrajn biex issir il produzzjoni meħtieġa, u biex il-qligħ li jsir minn din il-produzzjoni jitqassam b'mod xieraq. Wieħed li jagħti sehemu skond kemm jista', u jieħu sehmu, skond kemm jeħtieġ, ikun qed jgħix ħajja tassew soċjalista, ħajja tassew umana.**

Mhux veru li l-bniedem huwa minnu nnifsu egoista, kif jgħidu dawk li jridu jiġġustifikaw is-sistema Kapitalista. Anzi min hu egoista ma jkunx qed jgħix ħajja umana, għax ħajja umana tirrekjedi koperazzjoni. L-ispeċi umana hija soċjali, mhux biss għax il-bnedmin spontanjament jingħaqdu fi gruppi, imma għax il-bniedem jaf li ħajja umana tista' sseħħ biss f'kommunita. Il-bniedem huwa konxju li ma jistax jgħix ta' veru bniedem maqtugħ għalih waħdu. Allura għaliex ħafna bnedmin huma egoisti, nistħajjilkom tistaqsu? Ir-risposta hija għax f'soċjeta' kapitalista l-individwu jasal biex jitlef l-umanita' tiegħu, ma jibqax jaġixxi ta' veru bniedem; l-attivita' tiegħu ma tibqax attivita' umana. Dan jiġifieri, l-individwu jasal biex ibarri lilu n-nifsu mll-umanta'.

Kwalunkwe speċi tingħaraf mill-attivita' tagħha. Il-bniedem jingħaraf li huwa speċi umana għax jagħmel xogħol uman. Biex ikun uman, ix-xogħol irid ikun spontanju u krejattiv, u meħtieġ għas-soċjeta'. Dak li jagħmel xogħol bħal dan u jkun jaf li qed jagħmlu, ikun uman.

Fil-kapitaliżmu l-ħaddiem ma jagħmilx xogħol bħal dan. Ix-xogħol ma jibqax spontanju, u ħieles, imma jkun iddettat u mpost minn dawk li jkollhom f'idejhom il-mezzi tal-produzzjoni. Il-ħaddiem ma jkollux triq oħra ħlief li jobdi lis-sidien għax inkella jitlef il-paga. Jieħu jew ma jieħux pjaċir jaħdem, il-ħaddiem ikollu jipproduċi għall-kapitalist. Il-ħaddiem ikun meqjus eżattament bħal makna. Jekk kapitalist ma jaqlax mill-makna aktar milli jonfoq fuqha ma jużahiex. Hekk ukoll il-ħaddiem: jekk ma jqallax flus lill-kapitalist, ma jsibx xogħol.

sbu xi whud, li jkun hemm xi miġnun bħal Hitler, li jikkmanda l-kotra. Tista' tfisser ukoll sitwazzjoni fejn il-kotra tkun maħkuma mill-ftit, kif jiġri meta l-kapitalisti jitħallew jagħmlu li jridu. Biex tispiċċa l-ħakma tal-burgesija, trid tidħol il-ħakma tal-ħaddiema. Il-qawwa tal-kotra trid teqred is-setgħa tal-ftit. Is-setgħa tal-kapitalisti ma tkunx ġejja minn xi elezzjoni; ma tkunx mogħtija mill-poplu, imma tkun misruqa mill-poplu. Il-ħakma kapitalista ma ssirx neċessarjament bl-armi, imma ssir bis-setgħa ekonomika, jiġifieri direttament fuq l-għixien tal-kotra, u bis-setgħa edukattiva u reliġjuża, jiġifieri fuq il-mentalita' tal-poplu.

Il-ħaddiema ma jibqgħux jaċċettaw din id-dittatura meta jiftħu għajnejhom sew u jintebħu li qed jiġu sfruttati. Il-moviment tal-ħaddiema jissaħħaħ meta l-kotra titgħallem tikkopera biex tinbena soċjeta' ġdida. Aktar ma l-moviment ikollu tmexxija soda, u aktar ma ssir ħidma bla serħan, aktar isseħħ malajr ir-rebħa tal-ħaddiema.

Ir-rebħa ssir meta jinqered l-egoiżmu, meta l-ħaddiema jitgħallmu jaqsmu l-ġid tal-produzzjoni, spontanjament. Aktar ma l-ħaddiema jibdew iġibu rwieħhom ta' veru umani, jiġifieri aktar ma jinqered malajr l-egoiżmu, aktar titħaffef il-mixja lejn il-progress, fejn kulħadd jipproduċi skond kemm jista', u jieħu mill-ġid tal-produzzjoni skond kemm jeħtieġ.

Dan hu l-idejal u lejn dan għandna naħdmu biex il-kotra teħles lilha nnifisha minn dak kollu li hu diżuman. B'hekk biss tista' tinbena komunita' tassew umana.

**23.2.75**

# 8 — IL-QLIGH TAL-HADDIEMA

**IL-QLIGĦ li jsir mhux kollu jmur għall-ħaddiema, u dan minkejja l-fatt li l-produzzjoni li minnha jsir il-qligħ isir mill-ħaddiema. Meta qed ngħid ħaddiema hawnhekk, mhux biss qed nifhem dawk ta' l-id, imma wkoll dawk tal-moħħ u tal-pinna, li flimkien jagħtu sehem biex jipprovdu l-oġġetti u s-servizz li huma meħtieġa għall-għixien tal-poplu.**

Kull min jieħu sehem fil-produzzjoni jieħu forma ta' qligħ, imma mhux kull min jieħu qligħ huwa ħaddiem. Il-qligħ jista' jkun forma ta' **paga** għax-xogħol, forma ta' **ċens jew kera** għall-proprjeta', forma ta' **imgħax** għas-self ta' flus, u forma ta' **profitti** għall-investiment. Dan jiġifieri li hemm erba' tipi ta' qligħ, u l-ħlas tax-xogħol tal-ħaddiema huwa wieħed minnhom. Fost l-erbgħa attivitajiet li jsiru għall-qligħ, bla dubju ta' xejn ix-xogħol huwa l-aktar importanti u għalhekk nistennew li l-qligħ li jsir mix-xogħol, jiġifieri l-paga, tkun l-aktar qligħ importanti fil-pajjiż.

Imma jekk neżaminaw sew il-qligħ li jsir f'ħafna pajjiżi, u anki f'Malta, insibu li x-xogħol tal-ħaddiema jħalli qligħ baxx ħdejn dak li jitħalla mill-proprjeta', jew mill-investiment privat. Dan nindunaw bih, mhux biss mill-figuri li joħorġu mill-istatistika, imma wkoll nosservawh mill-ħajja ta' madwarna, għaliex filwaqt li ħafna ħaddiema jaqilgħu qligħ li bilkemm iservihom, ħafna proprjetarji u negozjanti jgħixu fil-lussu. (Naturalment jien mhux qed ngħid għall-proprjetarji u n-negozjanti **kollha**.) Il-gvern soċjalista qed jagħmel minn kollox biex il-qligħ jinqasam aħjar, u nidhru li mexjin lejn soċjeta' fejn xi darba din l-inġustizzja tispiċċa. Infatti jekk naraw kif konna qabel, malajr nindunaw kemm imxejna 'l quddiem f'dan ir-rispett.

Ħaġa mportanti ta' min isemmi hawnhekk hija li mhux il-ħaddiema kollha għandhom qligħ baxx, u fost dawk li għandhom qligħ baxx, mhux kollha għandhom qligħ baxx indaqs. L-aktar li huma batuti huma l-ħaddiema ta' l-id, li jaħdmu fis-settur privat.

Insibu li l-ħaddiema ta' l-id, speċjalment dawk ta' bla sengħa, jagħmlu xogħol ta' strapazz u jaħdmu ħinijiet twal, u dan għax kienu sfortunati u ma tgħallmux skola. Għax forsi moħħhom ma kienx itihom, jew għax missierhom ma kienx jagħti każ tagħhom biżżejjed, u ma fehemx il-ħtieġa ta' l-iskola, jew għaliex il-familja kellha bżonn il-flus u ntbagħtu jaħdmu kmieni flok baqgħu l-iskola, il-ħaddiema ta' l-id qed jiġu kkastigati billi jingħatalhom ħlas baxx.

Imbgħad insibu xi whud aktar fortunati li tgħallmu xi sengħa. Dawn ukoll wara li jagħmlu xogħol ta' strapazz, u jaħdmu ħinijiet itwal minn dawk tal-pinna, x'aktarx li jkunu jitħallsu inqas minn dawk ta' l-"iskola".

Hawn min jgħid li x-xogħol tal-pinna huwa xogħol iebes, flok fuq il-ġisem fuq il-moħħ. Huwa veru li x-xogħol tal-pinna huwa tedjanti, imma żgur li ma huwiex iebes daqs meta wieħed ifarrak dahru bit-tagħbijiet u jaħdem fil-beraħ fix-xemx, xita, bard, sħana, xitwa u sajf. Wara li kienu ffortunati li tgħallmu l-iskola, jew għax kienu bravi, jew għax ġew imġiegħlin (xi kultant kontra r-rieda tagħhom) jistudjaw minn missierhom, u sabu xogħol ta' kumdita, dawk tal-pinna jieħdu rigal ieħor billi jkollhom paga ogħla mill-ħaddiema ta' l-id.

Ma rridx ngħid li dak li jkun m'għandux jitħallas ta' xogħlu. Kull ma qed ngħid huwa li min jistħoqqlu l-iktar ġieli jieħu l-inqas. Kull xogħol huwa mportanti kemm jekk ikun ta' manwal, kemm ta' mgħallem, kif ukoll ta' skrivan. Kull ħaddiem huwa meħtieġ u l-unika ħaġa li trid tirranġa hija li min jagħmel xogħol iebes m'għandux jiġi kkastigat sempliċiment għax ma tgħallimx skola.

L-aktar ħaġa ħażina hija li xi whud jaqilgħu ħafna flus bla ma jaħdmu. Dawn mhux talli qed jieħdu qligħ żejjed, talli qed jgħixu billi jerdgħu minn fuq il-ħaddiema. X'nambuh lil dak li jżid fil-prezz wara li jitlesta l-prodott biex jagħmel profitti esaġerati? X'nambuhom lil dawk li jgħixu minn fuq l-ispekulazzjoni, is-serq, il-prostituzzjoni u l-logħob ta' l-imħatri? Dawn mhumiex ħaddiema, u qed jieħdu qligħ sempliċiment għax jafu jisfruttaw.

Il-produzzjoni li ssir mill-ħaddiema Maltin toħloq qligħ ta' miljuni kbar ta' liri. Kieku dan il-qligħ jinqasam sew kull familja Maltija tkun sinjura. Il-gvern soċjalista qiegħed imexxina lejn soċjeta' fejn dak li jipproduċi l-ħaddiem jibda jiġi maqsum fost il-ħaddiema, jiġifieri fost dawk li jipproduċu stess. Biex inkomplu fuq it-triq ta' l-ugwaljanza, biex ikun hawn tassew ġustizzja soċjali, irridu nkunu aħna stess li naċċettaw dan il-prinċipju. Dak li qed jiġi ppriedkat mill-mexxejja soċjalisti, jkun jista' jsir b'aktar ħeffa u faċilita' jekk aħna stess nemmnu li l-ħaddiema huma s-sisien tas-soċjeta, u li l-ħaddiema kollha għandhom dritt indaqs li jieħdu qliegħ mill-produzzjoni **skond kemm għandhom bżonn**, u mhux skond kemm ikunu tgħallmu skola.

**16.2.75**

bżulija, u jinqerdu **l-ħniżrija u l-faqar**, biex flokhom jidħol it-tqassim tal-ġid. L-iskop aħħari tas-soċjaliżmu, mhux li wieħed jirbaħ il-ġenna, imma li f'did-dinja l-bniedem ikun jista' jgħix ħajja deċenja ta' bniedem.

Min-naħa l-oħra, il-kattoliċiżmu huwa reliġjon, mibni fuq l-ideja li Alla huwa l-Ħallieq tal-bniedem, u li l-iskop finali tal-ħolqien huwa biex il-bniedem imur igawdi 'l Alla fil-ġenna. Fuq din ir-reliġjon inbniet moralita' nisranija, jiġifieri speċi ta' regolamenti ta' kif il-bniedem għandu jġib ruħu sew biex jogħġob lill-Ħallieq tiegħu.

Għalkemm il-kattoliċiżmu u s-soċjaliżmu huma differenti, wieħed reliġjon u l-ieħor idejoloġija, wieħed għandu għan spiritwali u l-ieħor materjali, xorta jibqa' l-fatt li nisrani u soċjalista għandhom prinċipji komuni x'josservaw fil-ħajja tagħhom. Min hu nisrani tajjeb irid jemmen f'ALLA, imma ma jridx jinsa li jrid jgħix f'soċjeta' umana, u li kemm idum jgħix f'did-dinja jrid jgħix ta' bniedem.

Jekk wieħed nisrani jfassal ħajtu fuq prinċipji soċjalisti jista' jkun żgur li qed jgħix ta' veru nisrani. U dan mhux jien biss ngħidu, jgħiduh ukoll l-aqwa żewġ awtoritajiet tal-Knisja, Kristu nnifsu, il-fundatur tar-reliġjon, u San Pawl, li xerred din ir-reliġjon ma' bosta nħawi.

Kristu kemm-il darba sostna li l-imħabba tal-proxxmu hija l-aqwa kmandament. Huwa kkundanna l-ħniżrija u l-gula u ordna d-dixxipli tiegħu biex jaqsmu li għandhom ma' min hu bil-ġuħ. Kristu wkoll ikkundanna l-għażż u faħħar il-bżulija, bħal meta faħħar lill-qaddej li ħaddem it-talenti tiegħu, u għajjar lill-ieħor li ma għamel xejn bihom. Kristu nnifsu għalhekk qal ċar u tond li l-bżulija u t-tqassim tal-ġid huma meħtieġa għas-salvazzjoni.

San Pawl, ukoll faħħar il-bżulija filwaqt li kkundanna l-għażż, u faħħar it-tqassim tal-ġid filwaqt li kkundanna l-gula. San Pawl kiteb bosta ittri lill-komunitajiet insara ta' żmienu, u fost l-ittri li kiteb insibu l-ewwel waħda lit-Tessalonjani u t-tieni waħda lill-Korintini. Lit-Tessalonjani qalilhom (5,12-15) biex jikkundannaw l-għażeżnin u jirrispetaw lill-bieżlin. Lill-Korintini qallhom (8,14) li għandha tirrenja l-ugwaljanza billi jitqassam il-ġid.

Fi kliem ieħor naraw kif dawn iż-żewġ awtoritajiet tal-knisja, faħħru l-idejal tas-soċjaliżmu. Nagħmilha ċara, huma ma kienux qed ifaħħru s-soċjaliżmu bħala idejoloġija tal-klassi tal-ħaddiema, għax il-ħaddiem kif nafuh ilum bilkemm kien jeżisti dak iż-żmien.

Hawnhekk jien qed nitkellem fuq l-virtujiet li huma komuni kemm għan-nisrani kif ukoll għas-soċjalisti. Dan ifisser li **L-ĦNIŻRIJA U L-GĦAŻŻ HUMA L-IRJUS TAD-DNUBIET IL-MEJTA KEMM GĦAN-NISRANI KIF UKOLL GĦAS-SOĊJALIST.**

Min hu kontra s-soċjaliżmu għalhekk ikun qed jeħodha kontra idejoloġija li l-għan tagħha huwa għan tajjeb. Nisrani li jaħdem biex titwettaq soċjeta' soċjalista jkun qed jaħdem biex il-bniedem ikun jista' jgħix ħajja tassew nisranija. Ta' min jistaqsi hawn x'inhi r-raġuni allura, il-għaliex xi mexxejja tal-knisja ħaduha qatta' bla ħabel kontra s-soċjaliżmu. Jien nara tliet raġunijiet ewlenin. L-ewwelnett xi wħud ma fehmux xi jfisser soċjaliżmu. Oħrajn raw li xi drabi taħt l-iskuża tas-soċjaliżmu saret dittatura, allura kellhom biża' ġenwin mis-soċjalisti. Oħrajn raw li ma jkunx jaqblilhom, li jitwettaq is-soċjaliżmu, għax b'hekk setgħet tonqsilhom



is-setgħa materjali.

Kieku n-nisrani jifhem tajjeb l-għan tas-soċjaliżmu, kieku n-nisrani jara x'ġid sar lid-dinja permezz tas-soċjaliżmu, u kieku n-nisrani jħares lejn il-ġid komuni qabel l-interessi egoistiċi tiegħu. kieku n-nisrani ma għandux għalfejn jeħodha kontra s-soċjaliżmu; anzi jħaddan din l-idejoloġija.

F'Malta s-soċjaliżmu, ma ħadhiex kontra Alla, ma ġabx dittatura, ma kattarx l-għażż, u lanqas il-faqar. Anzi, bil-maqlub, kull min ried seta' jaqdi d-dmirijiet insara tiegħu, kull min ried seta' jikteb u juri d-diżapprovazzjoni tiegħu kontra l-Gvern, il-bżulija ġiet inkoraġġita u l-faqar ġie eliminat għal kollox. Il-ġid tas-soċjeta' Maltija qed jikber permezz tal-bżulija, u t-tqassim ta' dan il-ġid kull ma jmur qed isir b'ġustizzja akbar.

**25.7.76**

# 11 — LA GHAZZIEN, LANQAS HANZIR

**KEMM-IL darba sostnejt fl-artikli tiegħi li l-għan tas-Soċjaliżmu huwa li tinħoloq soċjeta' fejn l-individwu jaqdi d-dmir li jaħdem kemm jista' għall-ġid tas-soċjeta', u jingħata l-jedd li jieħu mill-ġid tas-soċjeta' skond kemm jeħtieġ.**

Dan l-artiklu hu dedikat kollu biex nagħti tifsira ta' dan il-għan nobbli, li jitħaddan minn dawk li huma tassew Soċjalisti. Ngħiduha mill-bidu li hawn xi partiti f'pajjiżi barranin taparsi Soċjalisti, li jiċħdu dan il-għan, u jsostnu li l-għan tas-Soċjaliżmu huwa biss li jinħoloq "Welfare State".

Skond l-esperjenza ta' pajjiżi barranin il-"Welfare State" ma wassalx biex il-ħaddiem jeħles għal kollox mill-isfruttar. Fl-Ingilterra, per eżempju, kull ma ġara mal-miġja tal-"Welfare State" kien li tqassam xi ftit mill-qligħ favur dawk ta' qligħ baxx. Imma xorta baqgħet teżisti sistema fejn is-sidien tal-mezzi tal-produzzjoni ma għarfux ir-responsabbilta' tagħhom għall-bini ta' soċjeta' soċjalista.

Mhux qed ingħid li l-"Welfare State" huwa xi ħaġa ħażina. Anzi huwa mezz biex jintlaħaq l-għan aħħari. IMMA, il-"Welfare State" m'għandux ikun il-għan finali tas-Soċjaliżmu. Ikun jeħtieġ aktar xogħol minn sempliċi "Welfare State" sabiex kull membru tas-soċjeta' jinbidel minn ġewwa. B'hekk biss tista' titwettaq soċjeta' soċjalista.

Per eżempju hawn Malta diġa' qegħdin ngħixu f'"Welfare State". Grazzi għall-ħidma tal-Gvern Soċjalista Malti, il-ġid ta' pajjiżna qed jinqasam aħjar, u dawk li qabel kellhom qligħ baxx, illum qegħdin igħixu ħajja kif jixraq. Ma nistgħux ngħidu, imma li l-Maltin saru lkoll Soċjalisti, jew li s-soċjeta' Maltija hija soċjeta' Soċjalista. X'jonqos, mela? Jonqos li aħna lkoll inwettqu l-prinċipju li naħdmu skond il-ħila, u nieħdu skond il-ħtieġa. Jonqos li aħna lkoll ninbidlu minn ġewwa, għax irridu nammettu, bħalissa m'aħniex inwettqu sew dan il-prinċipju, u kieku ma kienitx il-ħidma tal-Partit tal-Ħaddiema kieku qegħdin ferm u ferm agħar.

Biex individwu jkun tassew denn li jissejjaħ Soċjalist, la jrid ikun **għażżien** u lanqas **ħanżir**. Min hu **għażżien** ma jagħtix lis-soċjeta' skond kemm jista'. Ikun irid jieħu bla ma jagħti sehmu. Min hu **ħanżir** ikun irid jieħu aktar milli jeħtieġ. **L-għażż u l-gula**

F'Malta x'aktarx li nsibu li min jaħdem l-aktar iebes u l-itwal siegħat ikollu l-aktar qligħ baxx. Hekk per eżempju, il-ħaddiema ta' l-idejn x'aktarx li jaqilgħu inqas mill-iskrivan. Dawk li jipproduċu l-aktar ħtiġijiet essenzjali, bħal bdiewa, raħħala, kenniesa, nisa tad-dar, bennejja u sajjieda, x'aktarx isibhom jaqilgħu inqas minn oħrajn li mhumiex meħtieġa daqshom.

Kieku l-qligħ li sar is-sena l-oħra kellu jinqasam indaqs fuq kull familja Maltija kieku kull familja qalgħet madwar £M2,800 f'sena jew aktar minn £M233 f'xahar. Għiduli kieku hux kulħadd sinjur kieku l-qligħ ta' kull familja jkun daqshekk? U dan x'aktarx li jiżdied kull sena. Minflok li nqasam indaqs, jew aħjar skond il-ħtieġa ta' dak li jkun, il-qligħ jinqasam skond il-kariga. L-aktar qligħ għoli x'aktarx li mar għand in-negozjanti u l-professjonisti u managers. Għall-anqas dawn jidhru li huma l-aktar sinjuri f'Malta. Il-ħaddiema tal-id li x'aktarx għandhom l-aktar familji kbar u li għandhom bżonn jieklu tajjeb, x'aktarx li jaqilgħu l-aktar pagi baxxi.

Irrid nagħmilha ċara li l-Gvern Soċjalista qed jagħmel minn kollox, skond kif jippermettu ċ-ċirkostanzi, biex id-differenza fil-qligħ tonqos, ħalli kull Malti jkollu l-possibbilta' li jgħix tajjeb. Difatti **Malta hija waħda mill-ftit pajjiżi fejn il-faqar inqata', u t-tallaba spiċċaw.** Hadd m'għandu dubju li l-livell tal-għixien tal-ħaddiema taħt dan il-Gvern tjieb ħafna.

Imma, u dan qed ngħidu l-aktar biex nispjega l-idejal, soċjeta' soċjalista titwettaq biss jekk il-ġid tal-pajjiż jinqasam skond il-ħtieġa ta' dak li jkun. U l-ħtieġa ta' kull bniedem hija li jgħix ħajja deċenti, li jgħajjex fil-kumdita' lill-familja tiegħu, li jkollu post xieraq fejn joqgħod, ikollu mezzi biex jirrikreja ruħu, anki xi drabi jsiefer xi safra (u mhux min hu sinjur biss jaffordja li jsiefer, bħallikieku l-ħaddiema li jaqilgħu ftit, ma għandhomx ukoll ix-xewqa li jsiefru, u jieħdu esperjenzi ġodda). Jien m'għandix dubju, li jekk il-Gvern Soċjalista jerġa' jitla', kif jien konvint li se jagħmel, nersqu ferm lejn it-twettieq ta' soċjeta' soċjalista.

Kieku kellhom jerġgħu jitilgħu n-Nazzjonalisti, nerġgħu mmorru lura fejn konna. Il-progress huwa l-iskop tal-Gvern Soċjalista. Ir-rata mgħaġġla li biha saru tibdiliet f'dawn l-aħħar snin, hija awgurju tajjeb għat-tibdiliet li jistgħu jitwettqu fil-ħames snin li ġejjin taħt amministrazzjoni Soċjalista.

**20.6.76**

## 13 — IL-MARA U S-SOCJALIZMU

**F'ĦAFNA soċjetajiet il-mara għadha qed tiġi meqjusa bħala bniedma inferjuri għar-raġel. F'ċerti każi, hawn Malta wkoll, il-mara tiġi ttrattata bħal kieku hija s-seftura tar-raġel. Mhux qed ngħid li dan isir bil-liġi għax, speċjalment taħt il-Gvern preżenti, saru ħafna riformi legali li għollew il-pożizzjoni tal-mara, imma għall-mentalita' ġenerali li għadha sseħħ fostna rigward il-mara. Bħal ma jiġri fil-każ tal-ħaddiem, fejn għad insibu hawn Malta individwi li jaħsbu li l-ħaddiem huwa xi ħaġa nferjuri għal kapitalist li jħaddem, hekk ukoll hawn min għadu tal-fehma li l-mara teżisti biss biex taqdi lir-raġel.**



Difatti, il-ġlieda għall-ħelsien tal-mara, taqbel ħafna mal-ġlieda għall-ħelsien tal-ħaddiem. Il-ħakma tal-ħaddiema mill-kapitalist, u tal-mara mir-raġel, huma t-tnejn effetti tat-tbarrija, jiġifieri, it-tnejn seħħu għaliex xi drabi l-bniedem ma jaġixxix ta' bniedem uman. L-umanita' titlob li ħadd m'għandu jisfrutta lil ħaddieħor, għax kulħadd huwa ndaqs — il-mara daqs ir-raġel, u l-ħaddiem daqs is-sid. Ir-raġel li jistma l-mara tiegħu bħala seftura, ikun qed iġib ruħu l-istess bħal kapitalist li jistma l-ħaddiem bħala serv.

Barra minn hekk, bħal ma dawk li jaħkmu fil-kapitaliżmu jagħmlu liġijiet u sistemi edukattivi u reliġjużi biex jipproteġu l-interessi tagħhom, hekk ukoll ġieli għamlu l-irġiel biex ikomplu jiddominaw fuq il-mara. Mhux l-ewwel darba li saru liġijiet biex isaħħu l-pożizzjoni tar-raġel. Mhux l-ewwel darba li fl-iskola jiġi mgħallem li l-post tal-mara huwa fil-kċina; u mhux l-ewwel darba li fir-reliġjon jiġi mgħallem li l-mara ġiet maħluqa biex tobdi lir-raġel.

Huwa minħabba f'hekk li ħafna muvimenti għall-ħelsien tal-mara twaqqfu f'ħafna pajjiżi, inkluża Malta,[15] biex il-mara teħles lilha nnifisha mix-xkiel legali, edukattiv u reliġjuż li qed iservu biex il-mara tibqa' ddominata mir-raġel.

Dan l-istess bħal ma qed jagħmel il-ħaddiem, li ħafna drabi jsib li l-liġi, l-edukazzjon u r-reliġjon kollha jkunu jaqdu l-kawża ta' sid il-mezzi tal-produzzjoni. Mhux veru għalhekk li, kif jaħsbu xi wħud, il-muvimenti għall-emanċipazzjoni tal-mara huma magħmulin min-nisa fanatiċi li jridu jikkmandaw huma. Il-biċċa l-kbira ta' dawn in-nisa ġellidin iridu biss soċjeta' aħjar, fejn il-mara tkun stmata daqs ir-raġel avolja x-xogħol tagħha jista' ma jkunx l-istess.

Il-ħelsien tal-mara (minn sistema li tqisha bħala inferjuri għar-raġel), iseħħ jekk kulħadd jaċċetta li biex wieħed ikun tassew denn li jissejjaħ uman irid jistma lil sħabu, nisa u rġiel b'mod uman. L-unika sistema fejn dan jista' jseħħ huwa s-soċjaliżmu, li l-iskop tiegħu huwa li tinbena kommunita' fejn kulħadd ikun stmat indaqs, avolja mhux kulħadd ikun jagħmel xogħol l-istess. Il-ġlieda għall-ugwaljanza tas-sessi mhix qegħda ssir biex il-mara ssir f'kollox eżatt bħar-raġel, imma biex il-mara tiġi stmata daqs ir-raġel avolja tagħmel xogħol differenti.

Kif nafu l-mara hija magħmula fiżikament differenti mir-raġel, u xi drabi ċertu xogħol li jsir mir-raġel ma jistax isir minn mara, għalkemm ċerti nisa kapaċi jagħmlu xogħol daqs raġel, u hawn ċertu xogħol li aħjar isir minn mara milli minn raġel. Il-fatt, li ħafna drabi l-mara hija inqas b'saħħitha mir-raġel għal xogħol ta' strapazz, m'għandux jintuża biex il-mara ssofri diskriminazzjoni. Wara kollox din is-sitwazzjoni tinstab ukoll fost l-irġiel.

Mhux l-irġiel kollha huma mibnija fiżikament l-istess: min hu twil u jista' jsir pulizija, u min hu qasir u ma jistax; min hu b'saħħtu ħafna u jista' jġorr tagħbijiet tqal, u hawn min hu dgħajjef u ma tantx ikun jista' jagħmel xogħol ta' strapazz. Imma xorta għandna nistmaw lil dawn l-irġiel indaqs, avolja x-xogħol li jagħmlu huwa differenti. Allura għaliex dan m'għandux ikun ukoll għan-nisa? Veru li xi kultant huma magħmulin aktar fraġli mir-raġel. Imma ta' dan m'għandhomx jiġu kkastigati.

Fejn insibu gvernijiet soċjalisti, insibu li l-pożizzjoni tal-mara qegħda titjieb, għaliex it-twemmin soċjalista ma jippermettix li xi individwu jisfrutta lil ħaddieħor. Fejn hemm il-ħakma ta' partiti tal-lemin bħal demo-kristjani, faxxisti u nazzjonalisti, insibu li kemm il-

# 15 — MILL-KUSTILJA TAR-RAGEL...

**DAN l-aħħar kont qed nitħaddet ma' grupp ta' rġiel dwar il-possibilta' li xi nisa jiġu eletti f'kumitat lokali tal-Partit Laburista. Xi wħud kienu tal-fehma li mara fil-kumitat tista' tagħmel ħafna ġid, speċjalment minħabba l-kuntatti li jista' jkollha ma' nisa oħra għal skop ta' propaganda. Imma xi oħrajn ħasbuha xort'oħra. Qalu li mara tħarbat kollox, ilsienha twil, ma tirraġunax u fuq kollox, ikollok tiġbed xi waħda quddiemha ma tistax. Bħallikieku l-preżenza ta' mara mhix mixtieqa biex dak li jkun jista' jitkellem ħażin.**

Din il-mentalita', (li hi tant komuni fost l-irġiel Maltin) li l-mara hi anqas umana mir-raġel, qed twassal biex ħafna nisa li jistgħu jagħtu kontribut kbir lis-soċjeta' ma jingħatawx iċ-ċans li jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom bħala partitarji Soċjalisti.

Dan ifisser li l-emanċipazzjoni tal-mara tiġi mxekkla għaliex **ħafna drabi r-raġel ma jkunx emanċipat hu stess mill-idejat antiki** li jpoġġu l-mara fi klassi ma' l-iskjavi u mal-bhejjem. Mela, biex il-mara tibda tassew titqies ta' bniedma daqs ir-raġel, l-ewwel nett jeħtieġ li r-raġel stess jemanċipa ruħu, u jiftaħ moħħu, biex jaċċetta bil-fatti, li kulħadd hu ndaqs, kemm jekk tkun mara jew raġel.

Ħafna mill-idejat antiki li wasslu biex il-mara titpoġġa fuq livell inferjuri għar-raġel ġejjin mir-reliġjon stess. Illum il-Knisja, u wieħed jieħu pjaċir jara dan, ħadet pożizzjoni aktar favorevoli għall-mara. Imma kien hemm żmien meta, dik li ġiet mill-kustilja tar-raġel!? kienet titqies bħala l-kawża tad-dnub, dik li għandha dejjem tkun sottomessa għar-raġel, u dik li tista' tiġi stmata bħal skjava.

Naraw per eżempju li fl-antik testment il-mara kienet meqjusa bħala proprieta' (Esodu 20, 17) bħala oġġett li tista' tiġi mkasbra (Imħallfin 19, 24) u fit-testment il-ġdid il-mara ġieli ġiet meqjusa bħala inferjuri għar-raġel (Efesin 5, 24). M'għandniex xi ngħidu, m'inix qed nagħti provi li r-Reliġjon Kattolika hija b'daqshekk xi ħaġa ħażina, għaliex kull ideja trid tiġi kkunsidrata fil-kontest soċjali u storiku tagħha. Kull ma qed ngħid hawn hu li ċerti idejat tista' ssib il-bażi ta' l-iżvilupp tagħhom f'xi testi reliġjużi, ħafna minnhom ġejjin minn żmien twil ilu. (X'aktarx imma li fi żminijiet bikrin ħafna, il-mara kienet stmata daqs ir-raġel jekk mhux aħjar, kif jixhdu l-fdalijiet, speċjalment reliġjużi, fejn il-kult tal-fertilita' kien ibbażat fuq al'a mara. Din l-alla mara instabet f'Malta wkoll u l-kunċett ta' alla mara li minnha joħroġ il-ġid tad-dinja, baqa' jeżisti f'ċiviltajiet imsejħa pagani).

Għalkemm il-mara kull ma jmur qed tikseb aktar jeddijiet xorta nsibu li r-raġel huwa meqjus minn ħafna bħala dak li għandu jikkmanda, il-protettur, dak li jirraġuna. Il-mara titqies bħala waħda li trid trabbi, trid il-protezzjoni u ma tafx tirraġuna. Fi kliem ieħor, ir-raġel hu mpoġġi f'pożizzjoni superjuri. Fuq kollox xi wħud jgħidulek li dawn id-diferenzi huma naturali, bħallikieku riedhom Alla.

Dawn l-idejat narawhom ta' spiss imxerrdin fil-films u fil-kotba. Il-mara tal-films hija dik li timxi wara r-raġel, pupa sabiħa, li tibki, tinżebagħ, u tinża'. Ir-raġel jiġi mpinġi bħala b'saħħtu, kapaċi jiġġieled bil-ponn u bir-revolver, isuq karozzi sbieħ u jirkeb iż-żwiemel, għandu ħafna flus u jippossjedi ħafna nisa.

Barra minn hekk, meta raġel ikun qed jargumenta ma' mara, ħafna drabi r-raġel jippretendi li għandu jgħallem u l-mara titgħallem. Raġel li jammetti li mara taf iżjed minnu jiġi msejjaħ injorant. Allaħares ikun hemm raġel li jgħid li l-mara bagħtitlu jixtri, jew li qed joqgħod mat-tfal, jew li ħareġ il-baby bil-pram, għax malajr issib xi raġel ieħor jgħajru effemminat. Ir-raġel, jgħidulek, huwa magħmul għall-affarijiet aktar "nobbli". X'inhuma dawn l-affarijiet aktar "nobbli"? Milli jidher dawn huma li **jiġġieled, jilgħab il-karti, jixrob u jitkellem ħażin. Difatti, f'postijiet fejn ma jidħlux nisa, bħal każini, hekk jagħmlu l-irġiel.**

M'għandniex xi ngħidu minħabba f'hekk is-soċjeta' mhix soċjeta' ta' individwi ugwali, avolja l-liġi ġiet riformata. Il-mentalita' ġenerali għadha kontra l-mara. (U dan avolja nsibu li l-iżjed kriminali komuni huwa r-raġel).

X'jeħtieġ isir? L-ewwel nett li l-irġiel jemanċipaw irwieħhom, jeħilsu mill-għanqbut tal-passat u jibdew jaċċettaw lin-nisa bħala tassew umani u ugwali. Barra minn hekk, jeħtieġ li n-nisa stess jemanċipaw irwieħhom.

Il-mara hija umana daqs ir-raġel, u din l-ideja qed tinxtered b'ħeffa kbira. Għad fadal ħafna xi jsir, speċjalment fost l-irġiel, biex din l-ideja tiġi aċċettata. L-aktar vantaġġ li ġġib magħha l-emanċipazzjoni tal-mara huwa li fis-soċjeta' tkun tassew tirrenja l-ugwaljanza u li jkun hawn aktar individwi kapaċi u jridu jagħtu kontribut għall-iżvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku.

**22.2.76**

# 16 — LA SOCJALISTI, LANQAS KAPITALISTI

**KEMM-IL darba smajna kelliema Nazzjonalisti jgħidu li l-partit tagħhom ma jemminx fil-kapitaliżmu u lanqas fis-soċjaliżmu. Xi jridu jfissru eżatt diffiċli wieħed igħid, għaliex mhux l-ewwel darba li kelliemi Nazzjonalista kkontradixxa lil sieħbu. Imma nistgħu nagħtu għall-inqas żewġ tifsiriet li huma possibbli. L-ewwel li n-Nazzjonalisti ma għandhomx twemmin, jew, it-tieni, li t-tendenzi kapitalisti, li normalment iħaddan partit konservattiv, bħalma hu l-P.N., qed jiġu abbandunati minn dan il-partit, biex flokhom iħaddan twemmin ieħor.**

Jien inħoss li l-ewwel possibbilta' hija aktar realistika, meta wieħed jgħarbel sew x'inhu l-Partit Nazzjonalista. L-uniku skop għal xhix jeżisti l-partit huwa biex igawdu l-klikek, l-aktar tan-negozjanti u professjonisti. Jekk dawn il-klikek jaraw li l-interess tagħhom jiġi moqdi permezz tar-reliġjon, allura tarahom kollhom knejjes, kollhom qdusija.

Jekk l-interess tagħhom jiġu 'l quddiem permezz ta' negozju, hekk imsejjaħ ħieles, allura tarahom jeħduha kontra s-Soċjaliżmu, u kontra kull for-

ma ta' kontroll li jsir biex jiġi mrażżan is-serq. Bejn iż-żewġ gwerer, saħansitra waslu biex ħaduha kontra l-ilsien Malti, u appoġġjaw il-faxxiżmu, għax hekk kien jaqbel għall-interess tal-klikka. Issa qed jaraw li l-kapitaliżmu tilef il-kredtu ma' kulħadd, allura qed jiċħduh. Jgħidu li huma Soċjalisti ma jistgħux, għax ikunu qed jagħtu raġun lill-Partit Laburista. Allura x'baqagħlhom ħlief li jistqarru li la huma Soċjalisti u lanqas kapitalisti. Hekk jaqblilhom jagħmlu issa, forsi jlaqqtu xi ftit voti. Mela l-ewwel possibbilta' hija li m'għandhomx twemmin, u meta jgħidu li jħaddnu xi twemmin jagħmlu hekk għax huma OPPORTUNISTI.

Imma ejjew nassumu u nissoponu li għandhom xi twemmin li qiegħed x'imkien bejn is-Soċjaliżmu u l-Kapitaliżmu. Nippruvaw naraw x'inhu dan it-twemmin u lil din id-duttrina nofsanija nagħtuha isem, isem jispiċċa bl-"iżmu" bħal dak ta' duttrini oħra.

Qabel nagħtu isem lil din id-duttrina Nazzjonalista, ejjew naraw fuq fuq x'inhu Soċjaliżmu u x'inhu Kapitaliżmu.

L-istorja tal-bniedem turi li minn żmien ilu kellna soċjetajiet fejn kien hemm min jaħkem u min hu maħkum.

Fis-sistema fewdali,[16] per eżempju, li minnha għaddiet Malta wkoll, il-produzzjoni l-aktar meħtieġa għall-ħajja tal-poplu kienet issir mill-bidwi. Imma l-bdiewa kienu l-aktar nies foqra fis-soċjeta' fewdali. Il-parti l-kbira tal-ġid maħdum mill-bidwi kien jiġi meħud min-nobbli u xi membri tal-kleru li kienu sidien ta' l-art. Dawn kienu jagħmlu parti mill-klassi ħakkiema.

Il-bidwi kien jaħdem miż-żernieq sal-għabex, bil-mara u t-tfal b'kollox, u kien igħix ħajja l-aktar fqira, għax kien jagħmel parti mill-klassi maħkuma.

Mis-soċjeta' fewdali, bdiet tinbet klassi ġdida, dik tal-burgesija li bil-mod il-mod dawn bdew jieħdu s-setgħa ekonomika f'idejhom, u qalbuha lil dawk, li fis-sistema fewdali kienu jgħidu li s-setgħa tagħhom ġejja minn Alla. Il-Kapitalisti bdew jibnu fabbriki, jimpjegaw in-nies u taw spinta biex tikber il-produzzjoni tal-pajjiż, permezz ta' sistema aktar effiċjenti minn dik ta' l-għelieqi.

Is-sistema Kapitalista hija mibnija fuq l-egoiżmu. Il-Kapitalist ma jiġih l-ebda skruplu li jkeċċi l-ħaddiema jekk ma jkunx jista' jagħmel qliegħ minn fuq daharhom. L-interess ta' sid il-fabbrika hu li jħallas l-aktar paga baxxa, għall-akbar numru ta' sigħat ta' xogħol possibbli. F'din is-sitwazzjoni il-ħaddiem jiġi stmat bħal bhima tat-tagħbija, jingħata l-paga biex jiekol ħalli jibqa' jgħix, ħalli jkompli jaħdem. Bħall-bidwi tas-sistema fewdali, il-ħaddiem hu dak li jagħmel il-produzzjoni, bis-saħħa ta' dirgħajh u l-għaraq ta' ġbinu. Imma peress li f'sistema kapitalista, il-ħaddiem jagħmel parti mill-klassi maħkuma, hu jkun l-aktar fqir fost il-membri tas-soċjeta'.

Il-Kapitalisti joħorġu l-flus biex jibnu l-fabbriki u jixtru l-makni, u minħabba f'hekk, ikollhom f'idejhom mezzi mportanti tal-produzzjoni, u jkunu l-ħakkiema. F'din is-sistema, l-isfruttar tal-ħaddiema mhux biss ikun tollerat, imma nkoraġġit, għax hekk (jgħidu) titlob l-effiċjenza ndustrijali. Il-ħaddiem li jitlob li jiġi stmat ta' bniedem jista' jiġi mkeċċi, u l-unika konsolazzjoni li jsib tkun il-parir "ħu paċenzja. m'aħniex għal hawn"



L-egoiżmu, il-kompetizzjoni u l-isfruttar huma l-bażi tas-sistema Kapitalista; mingħajr dawn it-tliet kolonni, is-sistema tisfaxxa.

Mhux ta' b'xejn għalhekk illum ftit ins.bu partiti politiċi li jiftaħru li huma Kapitalisti. Ma niskantawx mela li l-Partit Nazzjonalista qed jiċħad il-kapitaliżmu. Mela kelliema tal-P.N. jaqblilhom igħidu li huma egoisti, u sfruttaturi???

Is-Soċjaliżmu, min-naħa l-oħra mibni fuq ix-xogħol u t-tqassim tal-ġid.

Prinċipju fundamentali tad-duttrina Soċjalista hu li kulħadd indaqs, kemm jekk wieħed ikun ħaddiem kif ukoll jekk ikun iħaddem, għax kulħadd hu uman. L-impjieg tal-ħaddiema jkun ta' inqas tbatija, u b'kundizzjonijiet xierqa. Ikun hemm ukoll liberta' fis-sens li kulħadd ikun ħieles li jemmen li jrid u jagħmel li jrid sakemm jiġi mħares il-prinċipju fundamentali li kulħadd indaqs.

Taħt din is-sistema. il-ġid tal-pajjiż jikber. Fl-istess ħin, dan il-ġid jinqasam aħjar, u jonqsu d-differenzi bejn min hu sinjur u fqir. Fuq kollox tiżdied l-edukazzjoni, biex b'hekk il-ħaddiem jirrealizza xi drittijiet għandu bħala bniedem, u jibda jiġġieled għalihom, u jingħaqad ma' ħaddiema sħabu biex ma jħallux lir-rejazzjonarji jfixklu l-progress.

Għaldaqstant, sistema Soċjalista mhux biss hija opposta għal sistema Kapitalista, imma permezz tagħha jiġu maħluqa kundizzjonijiet li jfarrku l-Kapitaliżmu. Fejn hemm ħidma biex jitwettaq is-Soċjaliżmu, l-isfruttar tal-ħaddiema jonqos bil-mod il-mod, u jgħib għal kollox meta l-ħaddiema jkollhom is-setgħa sħiħa f'idejhom.

Dan jiġri meta fis-soċjeta' jiġu eliminati dawk li jgħixu minn fuq dahar ħaddieħor, u jibqa' biss il-ħaddiema ta' l-id, tal-pinna u tal-moħħ. F'din is-sitwazzjoni jkollna soċjeta' tal-ħaddiema, immexxija mill-ħaddiema, fl-interess tal-ħaddiema. Għal dan irid iwassal is-Soċjaliżmu.

Xi Nazzjonalisti jgħidu li jaqblu (għall-inqas bil-kliem) ma' dan l-iskop, għax dan l-aħħar qalu li huma għandhom għal qalbhom il-ħaddiema. Imma ma qalux li huma Soċjalisti, avolja jafu li s-Soċjaliżmu huwa d-duttrina tal-ħaddiema. Jafu li ma jistgħux jgħidu hekk għax jekk igħidu li huma Soċjalisti, ikunu qed jagħmlu kutrumbajsa tant kbira li żgur jitilfu l-fiduċja ta' min, sal-lum, għadu jappoġġjahom. Allura għażlu li jitilqu mil-lemin, u jersqu ftit lejn ix-xellug biex jaslu għan-nofs.

Fi kliem ieħor, tal-P.N. qishom ċippitatu. Dak ukoll idur fin-nofs, bla ma taf fejn se jmur. U d-duttrina ta' min qisu ċippitatu tissejjaħ ĊIPPITATIŻMU. Min iħaddan din id-duttrina jista' jmur lejn ix-xellug jew lejn il-lemin, **skond id-daqqa**. Kull min hu rejazzjonarju u jibża' jew jistħi jistqarr li hu hekk, jista' jimxi wara t-twemmin taċ-ĊIPPITATIŻMU. Il-qaddis protettur huwa SANTU KOMPROMESSI. Biex tidħol membru tal-partit taċ-ċippitati trid tkun medjokru u moderat. Barra minn hekk la trid tkun progressiv u lanqas konservattiv u fuq kollox, ma tridx tkun taf jekk intix mejjet inkella ħaj. Il-motto taċ-ċippitati huwa "qis mitt darba u tiddeċiedix" jew inkella "-għażż huwa l-aqwa xogħol". Min irid jissieħeb membru fiċ-ĊIPPITATIŻMU m'għandu jagħmel xejn, ħlief li jgħid li la hu tond u l-anqas kwadru.

**29.2.76**

# 17 — IL-PROGRESS, IC-CIPPITATI U DR. UGO MIFSUD BONNICI

**KORRISPONDENT regulari f'"Il-Mument" ħa għalih għax jien għajjart lill-Partit Nazzjonalista partit taċ-ċippitati. Jien kont ktibt li meta n-Nazzjonalisti jgħidu li la huma favur il-Kapitaliżmu u lanqas favur is-Soċjaliżmu, ikun qed jagħmlu bħal ċippitatu, iduru fin-nofs skond id-daqqa.**

Dan l-aħħar kelli l-okkażjoni nitkellem f'forum dwar l-istudenti u l-politika, u n-naħa l-oħra tal-"panel" kien hemm Dr Ugo Mifsud Bonnici. Dan il-Membru Parlamentari Nazzjonalista huwa, skond l-opinjoni tiegħu, wieħed mill-aħjar politikanti fi ħdan il-Partit Nazzjonalista. Waqt il-forum huwa sostna li hu m'huwiex konservattiv, u qal li l-P.N. hu partit progressiv. Li hu personali għandu xi ideat progressivi jista' jkun, għaliex jekk fil-P.N. hemm xi ħadd li għandu moħħu miftuħ, dan huwa Dr. Mifsud Bonnici. Imma li l-P.N. huwa progressiv, hija ħlieqa, biex ma ngħidx gidba.

Il-P.N. **huwa** konservattiv, u provi hemm kemm trid. Ma hemmx għalfejn nagħmlu listi biex nippruvaw u nindunaw kemm mill-P.N. huwa kontra l-progress. Biżżejjed insemmu li l-P.N. ħadha kontra l-vot tan-nisa, taż-żgħażagħ, kontra ż-żwieġ ċivili, u fuq kollox kontra s-Soċjaliżmu.

Ma nafx kif partit jista' jgħid li hu progressiv, meta jieħu pożizzjonijiet bħal dawn. Jidher li l-Partit Nazzjonalista jinsab f'dilemma. Jekk igħid li hu konservattiv, ma jingħoġobx, għaliex il-poplu Malti llum irid il-progress. Fl-istess ħin ikollu jeħodha kontra l-progress għaliex il-maġġoranza tal-mexxejja huma konservattivi u reazzjonarji.

Jien insostni li ma jistax ikun hemm progress barra mis-Soċjaliżmu. Għal xi wħud, din l-istqarrija tidher dommatika. Kif tista' tgħid, jistaqsu l-anti-Soċjalisti, li s-Soċjaliżmu biss iwassal għal progress? Ħa nipjega għaliex nemmen hekk.

L-ewwel nett, x'inhu progress? Progress ma jfissirx li jkollna ħafna makni u fabbriki u "skyscrapers". Għalkemm il-prorgess jeħtieġ avvanz teknoloġiku imma l-avvanz teknoloġiku waħdu ma jfissirx progress. Allura x'inhu progress? Progress ifisser mixja 'l quddiem lejn soċjeta' fejn kulħadd ikollu l-istess possibilta' li jgħix ta' veru bniedem. Kull ħaġa li tmur kontra din hija reazzjoni għall-progress. Il-kapitalisti f'dan is-sens huma **rejazzjonarji** għaliex iridu soċjeta' fejn il-ħaddiem ikollu jinkera minn sid, u sitwazzjoni bħal din ma tippermettix li kulħadd ikun indaqs.

Il-Faxxiżmu, ir-Razziżmu, l-Imperjaliżmu huma wkoll duttrini reazzjonarji għaliex huma kollha mibnija fuq premessi li xi ndividwi, jew xi klassijiet, jew xi poplu huma superjuri għal individwi, klassijiet jew popli oħra.,

Is-Soċjaliżmu huwa l-unika duttrina-politika li hi mibnija fuq l-ugwaljanza u fuq il-prinċipju li ħajja umana tfisser ħajja f'soċjeta' fejn il-ġid jinqasam skond il-ħtieġa ta' dak li jkun, filwaqt li dak li jkun, iwettaq id-dmir li jagħti l-kontribut skond kemm jista', għall-benefiċċju tas-soċjeta'. **Dan hu l-prinċipju fondamentali tas-Soċjaliżmu.**

M'għandniex xi ngħidu, mhux is-Soċjalisti kollha jużaw l-istess metodu biex jaħdmu għal dan il-għan. Hemm differenzi bejn ċerti partiti Soċjalisti u partiti Soċjalisti oħra, imma l-għan huwa l-istess, jiġifieri dak li ssir ħidma biex il-bniedem jikseb l-umanita', biex kulħadd isibha possibli li jgħix ta' bniedem. Huwa għalhekk li s-Soċjaliżmu hu l-unika duttrina progressiva.

In-Nazzjonalisti ma jaqblux bejniethom dwar it-twemmin. Xi wħud saħansitra għandhom tendenzi Faxxisti, hemm oħrajn li huma opportunisti gwappi. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, skond kliemu, ixaqleb ftit lejn is-Soċjaliżmu. Huwa forsi l-uniku wieħed li jifhem, u forsi jaqbel, mal-prinċipju Soċjalista. Jiena nħoss li hija tassew ħasra jekk bniedem jemmen f'ċerti prinċipji u jaħdem f'partit li l-maġġoranza tal-mexxejja tiegħu huma rejazzjonarji.

Għalxejn tal-P.N. igħidu li jridu soċjeta' progressiva! Jekk huma kontra s-Soċjaliżmu ifisser li huma kontra l-progress. Ma kellux għalfejn jieħu għalih, mela, dak il-korrispondent ta' "Il-Mument" meta lill-Partit Nazzjonalista għajjartu Partit taċ-Ċippitati. Partit li hu mmexxi minn nies li kważi lkoll huma rejazzjonarji ma jistax ikun progressiv.

L-uniku skop li qed jitkellmu fuq il-prgress huwa, għax hekk jaqblilhom jgħidu. Bħaċ-ċippitati jduru mad-daqqa. U lil daw il-ħaddiema żgħażagħ li sallum għadhom ingannati, li daħlu fil-P.N. u li mingħalihom se jsibuha possibbli li jdaħħlu xi ideat progressivi fil-P.N. jaqblilhom jaħsbuha sew. Il-P.N. x'jista' joffri ħlief rejazzjoni għall-progress.!

**4-4-76**

# 18 — L-GHEDEWWA TAS-SOCJALIZMU

**PAJJIŻNA llum għaddej minn taqliba. Minn stat minbi fuq il-korruzzjoni u l-privileġġi Malta qed issir nazzjon Soċjalista. FMalta qed tinbena soċjeta' fejn l-individwu qed jitgħallem jagħti sehmu għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u politiku tal-pajjiż.**

Sfortunatament, mhux kulħadd jieħu gost b'dan il-progres. F'Malta nsibu rejazzjonarji li qed jagħmlu minn kollox biex ipoġġu l-bsaten fir-roti, ħalli jxekklu l-mixja lejn it-twettieq ta' soċjeta' Soċjalista. Ir-rejazzjonarji jużaw bosta metodi biex jeħduha kontra l-Muviment Soċjalista, imma x'aktarx li t-tattika li tintuża hija hekk:—

- L-ewwelnett nuqqas ta' koperazzjoni jew inkella reżistenza passiva, ħalli l-progress ma jitwettaqx. jew jasal kemm jista' jkun bil-mod.
- It-tieni gideb u qerq, biex il-ħidma tas-Soċjalisti titpinġa bħala xi ħaġa ħażina u li ġġib magħha perikli kbar għas-soċjeta'.
- It-tielet, reżistenza attiva, anki użu tal-vjolenza, biex il-ħaddiema jiġu ntimidati u mbeżżgħin.

Dawn it-tliet għamliet ta' reżistenza għall-progress narawhom jitwettqu hawn Malta wkoll. Per eżempju, kemm-il darba qrajna fil-ġurnali li xi membri fis-Servizz Ċivili mhumiex jikkoperaw kemm imisshom biex l-amimnistrazzjoni tal-pajjiż titmexxa sew. Kemm-il darba smajna li ċerti bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut ma jbigħux ċerti prodotti, ħalli f'Malta tinħoloq skarsezza artifiċjali. Eżempju ieħor huwa dak li ġara meta l-Gvern Malti għamel kampanja għall-indafa fis-Sajf li għadda, meta xi individwi mhux talli ma kkoperawx, talli ħammġu apposta biex il-kampanja ma tirnexxix.

It-tieni metodu jiġifieri gideb u qerq tant huwa komuni li kważi ma hemmx bżonn ta' spjegazzjoni. Nafu kemm jgħidu li l-Gvern Soċjalista huwa gvern ta' dittatura, kemm qalu li ħa jingħalqu l-knejjes, u kemm qalu li ħa jiġu r-Russi, jew li ħa niġu attakkati mill-Komunisti jekk Malta ssir Repubblika. Dan il-gideb isir biex jippruvaw iħawwdu l-poplu, bit-tama li din il-konfużjoni twaqqaf is-suċċess tal-mexxejja Soċjalisti.

It-tielet metodu huwa l-vjolenza. Ħafna jaħsbu li l-għedewwa tas-Soċjaliżmu jużaw biss il-pinna, jew ilsienhom biex jikkumbattu l-progress. Imma huwa fatt li l-ġlieda kontra s-Soċjaliżmu ħafna drabi saret bl-armi, bl-użu tal-vjolenza. Għandna ħafna eżempji barra minn Malta. Insemmu lil Franco, li għamel ġlieda bl-armi kontra l-Front Popolari[17] elett mill-poplu fl-1936; lil Pinochet, li għamel kolp ta' stat kontra l-gvern ta' Allende, elett mill-poplu; lil Mussolini u lill-Faxxisti Taljani tal-lum. F'Malta għandna min jissimpatizza mal-Faxxisti u mhux l-ewwel darba li f'Malta saru atti terroristiċi permezz ta' vjolenza organizzata.

F'dan l-artiklu ħa nsemmi passaġġi fejn kien hemm min ħeġġeġ lin-Nazzjonalisti biex jiffurmaw skwadri, bħal ma kienu l-iskwadri ta' Mussolini. Imma qabel nixtieq nagħti xi ftit tagħrif fuq kif Mussolini ħataf il-ħakma f'idejh fl-Italja.

Il-Faxxiżmu ta' Mussolini ma kienx mibni fuq xi idejoloġija, imma biss fuq kilba għas-setgħa, bil-vjolenza u l-gwerra. L-akbar għadu tal-Faxxiżmu Taljan kien is-Soċjaliżmu u l-Komuniżmu. Mussolini ma ħax il-gvern f'idejh għax kellu appoġġ popolari, imma biss għaliex xerred il-biża' permezz tal-iskwadri Faxxisti li kellu. Xi appoġġ kellu wkoll, imma mhux mill-klassi tal-ħaddiema. L-appoġġ kien ġej mill-industrijalisti kbar u mill-klassi tan-nofs. Kull ma kellu Mussolini kienu flus biex iħallas lil ried jagħmel atti ta' vjolenza kontra min ried jagħmel atti ta' vjolenza kontra s-Soċjaliżmu. Meta Mussolini għamel il-"Marcia Su Roma" ma kellux xi miljuni miegħu. Kellu grupp relattivament żgħir, imma minħabba li t-Taljani kienu daqu l-vjolenza Faxxista, Mussolini ftit sab oppożizzjoni.

Illum ukoll, fl-Italja nsibu gruppi Faxxisti, bħall-Ordine Nuovo u Ordine Nero, u oħrajn, li bilfors qed jiġu ffinanzjati mill-kapitalisti, li jixtiequ li jerġa' jidħol il-Faxxiżmu fl-Italja. Għall-kapitalisti, il-Faxxiżmu huwa tajjeb x'aktarx għaliex fost ħwejjeġ oħra taħt ħakma Faxxista, il-ħaddiema ma jkunux jistgħu jużaw l-arma ta' l-istrajk biex itejjbu l-pożizzjoni tagħhom.

Fil-Partit Nazzjonalista nsibu individwi b'tendenza Faxxista. Mhux qed ngħid għal qabel it-tieni gwerra, għax dak iż-żmien, in-Nazzjonalisti kienu jappoġġjaw lill-Faxxisti bil-miftuħ.

Qed ngħid għal-lum. Xi xhur ilu per eżempju korrispondent regulari f'"Il-Mument" kiteb: "Hemm bżonn li dan il-partit (il-P.N.) jorganizza bisserjeta' kollha skwadri ta' protezzjoni... ...jeħtieġ li jinħolqu skwadri ta' protezzjoni mħarrġa...... La l-istat u l-pulizija ma jridux jaqflu l-gorilli Soċjalisti fil-gaġeġ tal-ħadid. ĦADD MA JISTA' JLUM LILL-PARTIT NAŻŻJONALISTA JEKK JAGĦMEL DAK KOLLU LI HEMM BŻONN......"

Barra li l-kittieb għamel użu mill-kelma skwadra, b'riferenza ċara għal "squadristi" ta' Musolini, ta' min jinnota l-aħħar sentenza fejn il-kittieb qal "jagħmel dak kollu li hemm bżonn".



X'jiġifieri li hemm bżonn. Mezzi demokratiċi għandu kemm irid il-Partit Nazzjonalista. Jista' joħroġ gazzetta, jitkellem fil-Parlament, fuq il-mezzi tax-xandir, jagħmel quddies u omeliji għal ex-mexxejja Nazzjonalisti, meetings, insomma kull ma hu possibbli f'soċjeta' demokratika jista' jsir mill-Partit Nazzjonalista. Mela x'hemm bżonn aktar? X'inhuwa 'dak kollu li hemm bżonn"? Il-kittieb, tgħid, kien qed jirreferi għall-vjolenza organizzata fi skwadri? U ma niskantawx tafux. Jekk jeżistu l-elementi faxxisti fil-Partit Nazzjonalista, u dawn probabbilment jeżistu, allura dawn bilfors ikunu jħobbu l-vjolenza, speċjalment kontra s-Soċjalisti. Min jaf kemm hemm individwi fil-P.N. li jixtiequ jilbsu l-qmis sewda, u kemm hemm min għadu jqis lil Mussolini bħala s-salvatur tal-Italja.

Għaldaqstant min għandu għal qalbu l-kawża Soċjalista jrid joqgħod attent minn dawn l-attivitajiet rejazzjonarji. In-nuqqas ta' koperazzjoni, l-użu tal-gideb u qerq, u l-vjolenza huma arma f'idejn l-avversarji. Il-ħaddiem għandu mezzi demokratiċi f'idejh biex jeħodha kontra l-ħidma rejazzjonarja, u dawn għandhom jintużaw speċjalment waqt l-elezzjoni. Il-maġġoranza tal-poplu Malti jrid il-progress Soċjalista; li baqa' jsir huwa li tiċċarrat GĦAL KOLLOX il-maskra tar-rejazzjonarji biex dawk il-ftit ħaddiema li għadhom sal-lum INGANNATI, jindunaw mil-aktar fis li qegħdin jeħduha kontra l-interessi tagħhom stess.

**18–1–76**

# 19 — IL-PARTIT SOCJALISTA U L-KOMMUNIZMU

**L-GĦEDEWWA tas-Soċjaliżmu m'għandhomx għalfejn ikollhom isem biex jintgħarfu. F'Malta, per eżempju, ma hemmx għalfejn isejħu lilhom infushom Nazzjonalisti biex jintgħażlu minn dawk li għandhom għal qalbhom il-ġid tas-soċjeta' Maltija. Jieħdu liema isem jieħdu, ir-rejazzjonarji jintgħarfu minn għemilhom għax jeħduha kontra kull bidla progressiva li jġib miegħu s-Soċjaliżmu.**

Ir-rejazzjonarji ma għandhomx bżonn' 'leader" tajjeb, u lanqas twemmin sod. Dan nistgħu narawh mill-Partit Nazzjonalista: bla "leader" u bla twemmin, u xorta magħqudin kontra s-Soċjaliżmu. L-unika ħaġa li tiġborhom flimkien hi l-biża' li l-progress iġib miegħu l-qawmien tal-ħaddiem. dak li qabel kien iddisprezzat għax jaqla' x'jiekol bix-xogħol u mhux bil-qerq. Il-mibegħda lejn il-klassi tal-ħaddiema, u l-biża' li din il-klassi għad xi darba teħles kompletament mill-ixkiel tal-kapitaliżmu, hija r-raġuni ewlenija l-għala r-rejazzjonarji jsibuha daqshekk faċli li jaħdmu flimkien. ikun min ikun il-mexxej tagħhom, u jkun xi jkun it-twemmin li taħtu jinħbew.

Naraw li f'Malta, per eżempju, il-ġlieda kontra s-Soċjaliżmu ma ssirx biss taħt l-istandard Nazzjonalista. Issir ukoll taħt ismijiet oħra, bħal dawk ta' xi għaqdiet reliġjużi, xi għaqdiet pseudo-kulturali, u oħrajn li l-iskop prinċipali tagħhom huwa illi jiddefendu l-privileġġi tas-soċjeta' l-antika. Ma għandix għalfejn ngħid, li l-individwi li

jagħmlu din il-ħidma anti-Soċjalista x'aktarx ikunu l-istess tip ta' nies, x'aktarx ġejjin mill-istess klassijiet u għalhekk x'aktarx li jkollhom l-istess skop. Jinqdew b'kollox biex ma jitilfux il-privileġġ tagħhom.

Dan l-aħħar tgħidx kemm bdew iżeffnu l-Komuniżmu u l-Marxiżmu fin-nofs. Dawk l-istess tip ta' nies li qalu li, jekk it-tfal jitgħallmu l-iskola jistgħu jitilfu rwieħhom, jekk il-mara tingħata l-vot titkisser is-soċjeta' u l-familja, u li l-ħaddiem għandu dejjem ibaxxi rasu għas-sid, issa qed jgħidu li s-Soċjaliżmu se jġib miegħu, dak li huma jsejħu, dittatura Komunista. Ma nafx kif għadhom ma ndunawx li aktar ma jqarrqu bil-poplu, aktar jonqos l-effett tal-ġideb tagħhom! Per eżempju, ħafna minn dawk li fis-sittinijiet, belgħuha li jekk tivvota "labour" tagħmel dnub, illum tgħallmu, u l-ebda rejazzjonarju mhu se jbellagħilhom ċajta oħra bħal din. Ir-rejazzjonarji stess indunaw b'dan, u issa qed jippruvaw arma oħra, użata kemm-il darba mill-Faxxisti, dik li jbeżżgħu mill-babaw tal-Komuniżmu.

Ma sibthiex possibli ngħodd kemm-il darba qalu li s-Soċjaliżmu se jwassal għal dittatura f'Malta, daqs kemm-il darba qaluha. Forsi l-aktar anti-Soċjalist li jħobb jinqeda b'din il-ħlieqa huwa Dr. Ġuże' Marija Camilleri. Dan, biex jagħmilha tal-ħelu, kemm-il darba sfida lill-Mexxej tal-Partit Soċjalista biex ikeċċi l-Marsixti mill-Partit. Tarax ħej! Jippretendix Dr G.M. Camilleri li nagħmlulu xi rħama fi Triq ir-Repubblika biex nikkommemorawh bħala l-aqwa difensur tad-Demokrazija.

Ħafna rejazzjonarji jakkużaw lil Mintoff li hu Komunist. Mhux għax wieħed għandu għal x'hiex jisthi jekk ikun Komunist, għax f'xi pajjiżi riedet tkun tmexxija Komunista biex il-poplu ħeles darba għal dejjem mill-jasar. Iċ-Ċina tagħtina l-isbaħ eżempju.

Ngħiduha. Ir-rejazzjonarji għandhom ħafna x'jitgħallmu minn pajjiżi Komunisti. Harsu lejn il-pajjiżi fejn hemm ħakma Faxxista bħal Spanja, iċ-Ċili u l-Afrika t'Isfel u taraw jekk għandhomx biex jiftaħru. Harsu lejn il-pajjiżi fejn hemm ħakma Konservattiva, bħal fl-Italja ħalli taraw il-korruzzjoni li ġabu magħhom id-Demo-Kristjani. Harsu lejn il-pajjiżi kapitalisti, bħall-Istati Uniti ħalli taraw kif il-Kapitaliżmu jwassal għan-negozju tal-Mafja, xiri ta' pulizija sabiex jaqdu l-kawża tas-sinjur, delitti u spjunaġġ fuq iċ-ċittadini li jkollhom tendenzi xellugin. F'liema pajjiż Komunist issib minn dan kollu. Harsu lejn Kuba, Jugoslavja, Vjetnam, il-Korea ta' Fuq u taraw id-differenza. Tassew li mhemmx x'tisthi tgħid li int Komunist. Aktar fiha x'tisthi tgħid li inti Faxxist, Demokristjan jew Kapitalist.

Imma Mintoff qal ċar u tond li l-Partit Soċjalista Malti. u hu nnifsu bħala Mexxej tal-Partit, m'humiex Komunisti. Kif kiteb darba Dr. Benny Camilleri, kieku Mintoff kien Komunist ma kienx se jibża' jgħid. U Mintoff ma beżax jeħodha kontra xi mexxejja tal-Kleru li kellhom setgħa kważi suprema f'Malta, se jibża' jgħid li hu Komunista, kieku kien, Lil Mintoff imisshom drawh s'issa. Qatt ma jgħid kwadru, jekk ikun irid ifisser tond.

Nisthajjel li xi qarrejja qed jgħidu bejnhom u bejn ruħhom, li jekk wieħed m'għandux għalfejn jisthi jgħid li hu Komunist, allura għaliex Mintoff jgħid li mhux? Ir-risposta jidhirli jien, hija sempliċi. Għaliex il-Komuniżmu, skond it-tifsira li jtuh ir-rejazzjonarji Maltin, ma jgħoddx għal Malta. F'Malta hawn ċirkostanzi li japplikaw għal Malta biss. Kollox juri li f'Malta, it-taqliba għas-Soċjaliżmu ma teħtieġx dittatura u vjolenza. Jidher li l-mezzi demokratiċi li jeżistu,l-aktar li s-setgħa politika tgħaddi f'idejn partit permezz ta' l-elezzjoni ħielsa u permezz tat-tmexxija parlamentari, qed iħallu riżultati tajbin biżżejjed.

Ir-rejazzjonarji għandhom ikunu jafu li l-iskop tas-Soċjaliżmu mhux bilfors li jintlaħaq bil-ġlied. Qed naraw b'għajnejna 'l Malta tinbidel bla tixrid ta' demm u bla ripressjoni. U dan skond it-twemmin tal-partit immexxi minn Mintoff. Ma nafx għaliex jibqgħu jsostnu li Mintoff hu dittatur u jħobb il-vjolenza meta llum illi s-setgħa qegħda f'idejn il-Partit Soċjalista, kulħadd jista' jgħid li jrid. fejn irid u meta jrid. Jekk huma jfissru b'Komuniżmu tmexxija dittatorjali u użu tal-vjolenza. għandhom provi aktar min biżżejjed li Mintoff mhux Komunista.

Ta' min wieħed igħid xi ħaġa hawnhekk fuq id-duttrina Komunista. Marx il-fundatur tad-duttrina, tant kien qed jara sfruttar, sfaċċat mill-Kapitalisti ta' żmienu li f'dawk iċ-ċirkostanzi kien jidher li ma kienx hemm triq oħra ħlief rivoluzzjoni vjolenti u dittatura tal-ħaddiema kontra r-rejazzjonarji. Imma ta' min igħid li Marx innifsu ma tantx ta importanza fil-kitba tiegħu, għall-ġlied bl-armi, u għall-ħtieġa tad-dittatura. Marx aktar kien jimpurtah li l-klassi tal-ħaddiema tinduna x'kienet il-kawża li l-ħaddiem kien imkasbar u maħqur. Ried ikun Lenin, li spjega aktar fid-dettall kif għandha ssir ir-rivoluzzjoni u kif għandha titħaddem id-dittatura tal-proletarjat.[18,19] Naturalment mhux il-Marxisti kollha jaqblu ma' Lenin, għalkemm jidher li fil-każ tar-Russja. kien jeħtieġ rivoluzzjoni vjolenti, u ta' dittatura tal-proletarjat (mhux fuq il-ħaddiema stess imma fuq ir-rejazzjonarji). Mexxejja u kittieba oħra, imma jaħsbuha mod ieħor, avolja huma favur l-għan aħħari tas-Soċjaliżmu. Ħafna jsostnu li l-iskop jista' jintlaħaq permezz tad-demokrazija u mingħajr vjolenza.

Dawn iż-żewġ pożizzjonijiet it-tnejn għandhom mertu skond iċ-ċirkostanzi. Fiċ-Ċina u fil-Vjetnam, per eżempju, ma kien hemm l-ebda ċans li titħaddem id-demokrazija; u kieku ma saritx rivoluzzjoni vjolenti kieku dawn il-pajjiżi għadhom sal-lum maħkumin mill-barrani u sfruttati. Imma kif diġa' sostnejt aktar 'l fuq **f'Malta jidher li m'hemmx bżonn ta' vjolenza u dittatura, u Mintoff dan stqarru kemm-il darba. Huwa għalhekk li se ssir l-elezzjoni, biex il-poplu jagħżel huwa stess lil min irid imexxih.**

Illum ir-rejazzjonarji jużaw il-kelma Komuniżmu bħala tgħajjira, biex lil dak li jkun ipinġuh bħala dittatur u kontra Alla. Nafu li t-tmexxija Soċjalista għal dawn l-aħħar erba' snin u nofs ġabet magħha aktar demokrazija, u aktar liberta' biex l-individwu jemmen dak li fil-kuxjenza tiegħu jħoss li hu tajjeb. Kieku m'hawnx liberta' u demokrazija, kieku ir-rejazzjonarji ma jitħallewx ixewwxu u jigdbu.

Fi żmien it-tmexxija rejazzjonarja, min kien jaqra gazzetti Soċjalisti kien jagħmel dnub u dawn il-gazzetti ma kienux jitħallew jidħlu fil-postijiet tal-Gvern. S'hemmhekk kienet tasal il-liberta' tar-rejazzjonarji!

Id-dittatura ma tgħoddx għal Malta, u jekk b'Komuniżmu l-avversarji jifhmu dittatura, allura l-Partit Laburista żgur ma tistax issejjaħlu Komunist. F'Malta l-Partit Soċjalista qed jagħmel dak li jgħodd għal Malta. Il-Partit Soċjalista għamel ġlieda kontra r-rejazzjonarji u rebaħ b'mezzi demokratiċi. M'għandux jonqos li l-ġlieda li jmiss tintrebaħ ukoll bl-istess mezzi.

**8-2-76**

# 20 — IN-NEO-KOLONJALIŻMU

**IL-KOLONJALIŻMU huwa mod kif gvern imperjalist jaħkem pajjiżi u popli oħra. B'hekk il-kapitalisti mhux biss jaħkmu l-ħaddiema ta' pajjiżhom, imma wkoll popli sħaħ fil-pajjiżi kolonizzati.**

Ħafna gvernijiet imperjalisti kellhom jagħtu l-indipendenza politika lill-kolonji. imma xorta għadhom jipprattikaw 'l hekk imsejjaħ Neo-Kolonjaliżmu speċjalment fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw. Il-mod kif gvern imperjalista jaħkem fuq pajjiż fqir permezz tan-Neo-Kolonjaliżmu mhux dejjem ikun l-istess.

Fost ħwejjeġ oħra l-imperjalisti jużaw il-gwerra. kif kien qed jiġri fil-Vjetnam; għajnuna ekonomika u militari kif illum l-Istati Uniti qed tagħti lill-Iżrael, u wkoll għajnuna teknika. Ġieli wkoll jintuża investiment privat għal dan l-iskop, per eżempju billi jidħlu l-kumpaniji kbar Multinazzjonali, kif inhu l-każ illum fl-Amerika Latina u bosta pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw.

Dan l-aħħar qed nisimgħu wkoll bil-Kolonjaliżmu Kollettiv fejn il-mentalita' u l-interessi tal-Punent qed jiġu mposti fuq xi pajjiżi fqar permezz ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Bħala riżultat tan-Neo-Kolonjaliżmu ħafna pajjiżi mill-Afrika, Amerika Latina u l-Asja llum qed igawdu taparsi indipendenza, u fil-verita' għadhom jiddependu ħafna mill-pajjiżi imperjalisti.

Wieħed jistaqsi: jekk l-imperjalisti jixtiequ jiddominaw u jisfruttaw popli sħaħ għaliex tawhom l-indipendenxa? Ir-risposta hija għaliex ma setgħux jagħmlu mod ieħor. Fil-pajjiżi maħkuma bdew jinbtu muvimenti għall-ħelsien u partiti politiċi li bdew jitolbu l-indipendenza.

It-talba għal ħelsien ġieli fissret ukoll ġlied bl-armi, u biex ngħid hekk bħala riżultat il-pajjiżi mperjalisti ġew imġegħlin jagħtu l-indipendenza. Biex tagħqad, il-pajjiżi li bdew jieħdu l-indipendenza ffurmaw grupp fil-Ġnus Magħquda u bdew jinsistu permezz ta' l-Assemblea Ġenerali li l-kolonji kollha għandhom jingħatalhom il-ħelsien.

Il-pajjiżi mperjalisti kellhom interess kbir li l-ġid li kienu qed jieħdu mill-kolonji ma jitilfuhx. Għalhekk ħafna drabi, qabel ma taw l-indipendenza raw kif għamlu biex l-indipendenza jagħtuha skond u meta kien jaqblilhom. Per eżempju f'Malta l-Ingliżi tawna l-indipendenza meta raw li kollox kien għadu marbut ma' l-Ingilterra, u li fuq kollox il-Gvern ta' dak iż-żmien kien dgħajjef għall-aħħar. Din it-tattika ma twettqitx biss f'Malta imma f'pajjiżi oħra wkoll.

Il-pajjiż ex-kolonja għalhekk jieħu taparsi indipendenza; jkollu bandiera tiegħu, l-innu tiegħu, il-gvern tiegħu, insomma kollox ħlief it-tmexxija vera tal-pajjiż. Il-kontroll effettiv jibqa' f'idejn l-imperjalisti li jibqagħlhom is-setgħa jmexxu setturi mportanti ta' l-ekonomija u tal-komunikazzjoni, jaqilgħu ħafna mill-profitti, jixtru ħafna mill-art u jinfluwenzaw l-edukazzjoni u l-kultura ta' l-ex-kolonja favur tagħhom.

Is-sistema Neo-Kolonjalista ġġib magħha ħafna żvantaġġi. L-ewwelnett l-ex-kolonja jkollha tpatti lura "għajnuna" li tkun qed tirċievi. Dan ikun ifisser li lejn il-pajjiż imperjalist tmur ħafna mill-materja prima, jew inkella li l-pajjiż ex-kolonja jkollu jiftaħ is-swieq tiegħu għall-prodotti tal-pajjiż imperjalist. Fil-każ ta' Malta, aħna



kellna nbiegħu pajjiżna u nħalluh jintuża kważi kollu kemm hu bħala bażi għall-gwerra.

Żvantaġġ ieħor ikun li fl-ex-kolonja tinħoloq klassi tal-"elite" li jkollhom ħafna privileġġi sempliċiment għax ikunu jaqdu l-interessi ta' l-imperjalisti. Fost dawn insibu xi "civil-servants" lagħqa li ġieli jkunu ta' xkiel kbir meta l-poplu jipprova jirbaħ tassew l-indipendenza tiegħu. Barra minn hekk fejn jeżisti n-Neo-Kolonjaliżmu ma jiġux tollerati ideoloġiji li jmorru kontra l-interessi ta' l-imperjaliżmu u l-kapitaliżmu. Minħabba f'hekk fi żmien in-Neo-Kolonjaliżmu, il-moviment tal-ħaddiema jiġi ripress, u l-mexxejja tal-ħaddiema jiġu ttimbrati bħala fanatiċi estremisti u Komunisti bl-iskop li jintefa' dell ikrah fuqhom.

Hawn Malta mill-1964 sal-1971 għaddejna minn perijodu ta' Neo-Kolonjaliżmu, meta pajjiżna baqa' ddominat mill-Ingilterra, kemm fil-qaasm ekonomiku, kif ukoll fil-komunikazzjonijiet, xandir u edukazzjoni. Mhux ta' b'xejn mela li l-21 ta' Settembru mhux meqjus xi ġurnata glorjuża minn ħafna ħaddiema. **Fl-istorja, din id-data għandha titniżżel bħala l-bidu tal-ħakma Neo-Kolonjalista, u xejn iżjed.** Ma nistgħux ngħidu li llum ħlisna għal kollox min-Neo-Kolonjaliżmu, imma dal-Gvern impenja ruħu bis-serjeta' kollha ħalli jinkiseb il-veru ħelsien. Illum ninsabu ferm iżjed indipendenti għax inkisru ħafna mill-ktajjen li qabel kienu qed ixekklu l-mixja tal-poplu Malti biex joħloq soċjeta' soċjalista ħielsa.

**15-6-75**

# 21 — MUVIMENT GHALL-HELSIEN

**IL-ĠIMGĦA li għaddiet ktibt dwar in-Neo-Kolonjaliżmu. Urejt kif ġieli ex kolonja tingħata l-indipendenza politika, imma xorta jkun għad fadal ħafna xogħol (u ġlied) xi jsir biex tintrebaħ il-vera indipendenza. Il-ħelsien ikun jeħtieġ impenn serju biex tinkixef il-maskra tan-neo-kolonjalisti.**

Qabel ma jkun intrebaħ il-ħelsien politiku mhux il-ħaddiema biss ikunu jitolbu l-indipendenza. Ġieli wkoll jingħaqdu magħhom in-nazzjonalisti (mhux qed nirreferi għall-partit Malti imma għal dawk li jkunu jemmnu li n-Nazzjon għandu jkun indipendenti, mhux biex jitwettaq is-soċjaliżmu imma għax ikunu Xovenisti[22] u jogħbodu l-barrani

L-ewwel ġlieda għalhekk ġieli tkun magħmula mill-ħaddiema u min-nazzjonalisti kontra għadu komuni. (Per eżempju fiċ-Ċina, il-komunisti ta' Mao Tse Tung, u n-nazzjonalisti ta' Chiang Kai Shek ġieli kkolaboraw fil-ġlieda tagħhom kontra l-Ġappuniżi). Imbgħad wara li tintrebaħ l-indipendenza politika jkun għad fadal ġlieda oħra, dik bejn il-moviment tal-ħaddiema u r-reazzjonarji.

F'Malta nistgħu ngħidu li dan il-"pattern" twettaq. L-ewwel kellna ġlieda kontra għadu komuni. In-Nazzjonalisti ma ġġieldux għall-indipendenza fuq xi twemmin, imma l-Partit Laburista u l-GWU kienu qed jiġġieldu għax kienu jemmnu li l-poplu Malti kellu d-dritt ikun ħieles biex jiddetermina huwa stess id-destin tiegħu, u joħloq soċjeta' Soċjalista. Meta l-Ingliżi raw li fil-ħakma kien hemm gvern dgħajjef tan-Nazzjonalisti li seta' jkun pupu f'idejhom huma taw l-indipendenza politika li fetħet il-bibien għan-Neo-Kolonjaliż-

min jagħmlu huwa dejjem ħażin. Jekk ħaddiem jagħmel att kriminali, xorta għandu jiġi kkastigat u xorta waħda ċ-ċittadini l-oħra għandhom jiġu protetti minnu. Li qed ngħid hu li donnu l-kriminal il-baxx, (biex injejjaħlu hekk), f'għajnejn il-liġi huwa kriminal akbar mill-kriminal pulit, dak li ġej mill-klassi tal-burgeżija.

Mhux l-ewwel darba li smajna, per eżempju, li wieħed li jħaddem in-nies, qed iħallas paga baxxa lil ħaddiema li jagħmlu xogħol iebes u għal siegħat twal. Per eżempju hawn ħaddiema li jieħdu £M15 fil-ġimgħa għal xogħol li qed iħalli qligħ enormi lis-sid. Dan ikun serq sfaċċat, meħud mill-għaraq tal-ħaddiema. Lil dan is-sid min se jħarrku jekk ikun qed iħallas il-**paga minima**?? Min se jsejjaħlu kriminali?? Jekk lil kull ħaddiem is-sid ikun qed itih imqar £M5 fil-ġimgħa biss inqas milli jistħoqqlu, is-sid qed jisraq £M260 f'sena lil ħaddiem li forsi bilkemm ikollu biex jagħmel kapriċċ.

X'jista' jsir? Għandha tiġi riformata l-liġi biex għal serq bħal kuntrabandu, spekulazzjoni, skartar ta' tazzi u serq mill-paga tal-ħaddiem jiżdiedu l-pieni. Ħafna minn dawn l-atti kriminali tal-burgeżija jkunu pre-meditati u ppjanati sew, mhux bħal ċerti offiżi żgħar li jsiru spontanjament, u x'aktarx ikunu kawża ta' nuqqas ta' għaqal. (**Nota**) Biex ir-riforma tal-karattru tieħu post il-piena, f'offiżi żgħar, speċjalment taż-żgħażagħ, hemm bżonn ta' nies imħarrġin sew fil-psikoloġija tal-kriminali biex ċerti persuni jiġu mgħallma jġibu ruħhom ta' ċittadini responsabbli. Xi drabi meta delinkwent jintbagħat il-ħabs, joħroġ aktar aħrax milli kien, mill-kuntatti li jkollu fil-ħabs stess.)

Niġu issa għall-Qorti. Il-Gvern għandu jieħu ħsieb biex tiġi ffissata time-table sura ta' nies biex il-kawżi jsiru għall-kumdita' tal-poplu, u mhux għall-kumdita' ta' l-avukati. Kemm se ndumu sejrin biha din? Jgħajtulek fid-disgħa, tmur tistenna, u ma tafx x'ħin se jmissek. Fuq kollox għandek xorti jekk jiġik l-avukat. Tgħidx kemm ikun hemm nies ansjużi jistennew. Min ikun falla x-xogħol, min ikun fuq ix-xwiek jistenna tinqata' s-sentenza, min ikun ġie mill-bogħod. Din hemm bżonn tispiċċa darba għal dejjem.

Haġ'oħra ta' min isemmi hi l-imġieba ta avukati u maġistrati ma' dawk li jagħmlu l-kawża, ma' l-akkużati u max-xhieda. Hafna nies li jidħlu l-Qorti jitwerwru. Dak il-kliem tqil, dik il-formalita'! Il-Qorti qisha xi knisja kbira, u l-avukati qishom il-qassisin il-kbar. Ma ninsewx li l-Qorti hija tal-poplu u għandha sservi lill-poplu, u mhux biss biex tqalla' l-flus lill-avukati.

Imbgħad xi ngħidu għall-attitudni ta' ċerti membri tal-professjoni legali. Biex issib avukat progressiv trid tagħmel wegħda. Kif jista' avukat jifhem il-valuri tal-klassi tal-ħaddiem, il-morali soċjalisti, jekk moħħu jkun ġie msawwar f'universita' konservattiva bħalma hi dik ta' Malta? Mhux ħaġa kbira li fil-Partit Soċjalista ftit issib avukati, filwaqt li l-Partit Nazzjonalista mimli bihom. Ma nafx kif problema bħal din tista' tissolva. Xtaqt biss insemmiha. Ngħid imma li sakemm ikollna sistema mibnija fuq nies konservattivi ftit hemm ċans illi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun progressiva.

Fl-aħħarnett nixtieq nissuġġerixxi żewġ affarijiet. L-ewwel li jekk jista' jkun jitnaqqas il-piż finanzjarju għal min ikun irid jitla' l-Qorti u ma jkunx jista' jħallas billi tiġi stabbilita' xi sistema ta' għajnuna finanzjarja, fuq bażi aktar ġeneruża minn dik ta' l-avukat tal-fqar. B'hekk il-fqir ikun jista' jgawdi ġustizzja daqs is-sinjur.



It-tieni li jiġu stabiliti **qrati distrettwali** biex ċerti kawżi żgħar li jirrigwardjaw kwistjonijiet ċivili jinstemgħu quddiem bniedem elett mgħejjun minn skrivan li jifhem fil-liġi. B'hekk kwistjonijiet żgħar (kif kien hawn dan l-aħħar, fuq żewġ għasafar. jew inkella fuq min għandu l-obbligu jaħsel it-taraġ tal-flats) ma jmorrux il-qorti tal-Belt, u jtellfu l-ħin u flus il-poplu. Sistema ta qorti distrettwali tħaffef l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u l-qorti tal-Belt jitħalla għal kawżi mportanti, u xi appelli minn kawżi li jkunu saru fil-qorti distrettwali. Dan kollu qed ngħidu bħala opinjoni tiegħi personali, u napprezza ħafna, kritika jew kummenti fuq is-suġġerimenti li għamilt.

**15-2-76**

# 23 — SERVIZZ MIT-TOBBA

**TA' SPISS nisimgħu nies igergru li t-tobba Maltin qed jitolbu wisq flus għal xogħolhom, mingħand il-pazjenti. Tgergir bħal dan huwa floku għax tassew hawn bżonn li ssir xi ħaġa biex t-tobba ma jibqgħux jimlew buthom b'mod esaġerat minn fuq dawk li jkollhom bżonnhom.**

Per eżempju wieħed tabib ħa £20 talli għamel żewġ punti f'madwar seba' minuti; ieħor ħa £M12 għal żewġ visti qosra, u ieħor talab £M43 għal operazzjoni tal-"cartlage" li damet anqas minn siegħa. Jekk inqabblu dawn il-prezzijiet ma' dawk ta' ħaddiema oħrajn li jagħmlu xogħol ferm aktar iebes, malajr nifhmu l-għala ħafna mit-tobba f'Malta huma sinjuri kbar.

It-tobba jgħidu li l-prezzijiet li qed jitolbu huma ġusti, u għal dan jagħtu ħafna raġunijiet, fosthom li t-tabib għandu responsabbilta' kbira, li jrid jistudja ħafna biex isir tabib, u li l-ħajja qed togħla, u għalhekk l-prezz li jitlob irid jogħla wkoll. Dawn ir-raġunijiet imma m'għandhomx jintużaw biex, kif jiġri xi kultant jiġi ġustifikat l-isfruttar sfrenat. Ejjew naraw jekk hux veru li t-tabib għandu responsabbilta' ferm akbar minn ta' ħaddema oħra.

Kull ħaddiem għandu responsabbilta'. Il-bennej, il-kennies, l-electrician, kollha jridu joqogħdu attenti ferm kif jaħdmu għax jekk ma jagħmlux hekk jistgħu jikkaġunaw anki l-mewt tagħhom u ta' ħaddieħor. It-tabib ukoll irid joqgħod ferm attent, imma jekk nosservaw sew, insibu li aktar jista' jeħlisha ħafif minn xi ħaddiema oħra jekk jieħu żball. Bennej li jieħu żball malajr inġegħluh jerġa' jibni, kennies li jħalli l-ħmieġ malajr jiġi rraportat, u electrician malajr jinstab ħati jekk jagħmel xogħol ħażin — u jekk ma jagħmlux xogħol sew dawn ma jitħallsux; imma jekk tabib jagħti mediċina ħażina, xorta jitlob il-ħlas ta' xogħlu, u u żball kbir ta tabib malajr jindifen taħt il-ħamrija.

Infatti, jidhirli li r-responsabbilta' tat-tobba mhix qed tintrefa' sew, għax ta' spiss nisimgħu li tabib jgħid li wieħed ikun marid b'ċertu marda, tabib ieħor igħid li l-marda tkun mod ieħor, u t-tnejn jippretendu li għandhom jitħallsu, anke jekk it-tnejn ikunu żbaljati u jagħtu mediċina ħażina. Li rrid ngħid hawn mhux li t-tobba qed jieħdu żbalji apposta, imma li malajr isibu mod kif ifarfru r-responsabbilta', u għalhekk xi drabi għandhom ċans akbar minn ċertu ħaddiema oħra, li jagħmlu żbalji mingħajr ma jpattu għalih.

Ir-raġuni l-oħra li tingħata hija t-tobba jridu jistudjaw ħafna biex jieħdu d-dottorat. Bħallikieku l-ħad-

diema l-oħra li ma marrux l-universita' qagħdu d-dar jilagħbu meta kienu żgħażagħ. Xi kultant, ċerti tobba jinsew li ħaddiema oħra, speċjalment ta' l-idejn, ġieli bdew jaħdmu ta' 14-il sena, għaliex il-familji tagħhom kellhom bżonn il-flus. Studju fl-universita' hija ħajja ferm aktar komda minn xogħol per eżempju fil-ġebel jew fl-injam.

L-iskuża li jġibu t-tobba li għandhom jitħallsu aktar għax studjaw ħafna mhix tajba. Anzi, jekk hemm xi ħadd li għandu jitħallas aktar huma l-ħaddiema ta' l-idejn, jiġifieri dawk li ma kienux ixxurtjati jgawdu l-benefiċċji u l-ħajja komda li tagħti l-edukazzjoni.

It-tielet raġuni li semmejt hija li t-tobba jgħidu li l-ħajja qed togħla: Bħallikieku l-ħajja mhix togħla għal kulħadd. Anzi jidher li l-inqas li qed iħossu l-għoli tal-ħajja huma t-tobba. Waqt li ħafna ħaddiema ta' l-idejn jaħdmu iebes biex isservihom il-paga, ħafna tobba issibhom igħixu fil-lussu. Mhux qed ngħid li t-tobba m'għandhomx igawdu; kull ma qed ngħid hu li t-tobba ma għandhomx għalfejn jagħmlu tajjeb għall-għoli tal-ħajja minn fuq dahar il-pazjent.

Hawn ta' min jinnota li s-servizz mogħti mit-tobba ma jonqosx jew jiżdied ħafna mal-prezz, jiġifieri min hu marid xorta jkun irid il-kura, jogħla jew ma jogħliex il-prezz tas-servizz mediku. Dan ifisser li t-tabib ikun jista jisfrutta din is-sitwazzjoni għall-benefiċċju tiegħu, u għad-detriment tal-pazjent. Biex jiġi evitat dan, jidher li **hemm bżonn li s-servizz mediku jiġi nazzjonalizzat**, bħal ma hi nazzjonalizzata l-edukazzjoni f'Malta. Jekk dan iseħħ, it-tobba jsiru mpjegati tal-gvern. b'salarju fiss, u jkunu mistennija jattendu f'ħinijiet fissi bħal ma hu mistenni jagħmel it-teacher.

F'sistema bħal din il-pazjent ma jkunx mistenni jħallas xejn tas-servizz, għax il-ħlas isir indirettament mit-taxxi bħal ma jsir għall-edukazzjoni. Barra minn hekk il-pazjent li jmur fil-klinika jkollu ħin eżatt, u mhux kif qed jiġri ħafna drabi l-lum, il-pazjent ikol'u jistenna għall-kumdita' tat-tabib. Fl-aħħarnett, jekk it-tobba jibda jkollhom salarju fiss, ikunu jistgħu jiġu ntaxxati aħjar milli qed jiġu ntaxxati llum.

16-3-75

# 24 — GHAJNUNA FINANZJARJA FL-EDUKAZZJONI OGHLA

**L-ISTUDENT fl-Edukazzjoni Ogħla qed jitolbu għajnuna finanzjarja min-għand il-Gvern, biex kemm jista' jkun ma jibqgħux dipendenti fuq ħaddieħor.**

Jien inħoss li talanqas hemm tliet fehmiet ewlenin dwar din l-għajnuna finanzjarja. Dawn huma:

1. Il-fehma li l-għajnuna finanzjarja għandha tingħata forma ta' "grant" li ma titħallasx lura.
2. Il-fehma li l-għajnuna finanzjarja li tingħata għandha b'xi mod jew ieħor titpatta lura mill-istudent li jeħodha.
3. Il-fehma li m'għandux ikun hemm għajnuna finanzjarja.

Taħt l-ewwel fehma, jiġifieri li l-għajnuna mill-Gvern tkun "gratis", insibu tliet ideat. Biex nagħirfuhom, insejħulhom idea A, idea B, u idea C.



Idea A hi li l-ewwel jiġi kkalkolat l-ammont ta' flus li huma meħtieġa biex student imantni ruħu, u din tkun l-għotja massima li tista' tingħata lil student. L-għotja titnaqqas aktar ma jkollhom qligħ għoli l-ġenituri imma qatt ma ssir zero. Ikunu kemm ikunu sinjuri l-ġenituri, skond din l-idea, kull student ikun intitolat għal għotja minima. Għalhekk, skond din l-idea, l-edukazzjoni ogħla mhux talli tibqa' b'xejn, talli l-Gvern ikollu jagħti s-somma minima ta' flus lil kull student anke lit-tfal tas-sinjuri.

L-idea B hija li l-għotja li tingħata lill-istudenti ma ssirx kollha mill-Gvern, imma parti minnha ssir mill-ġenituri. Skond din l-idea, l-ewwel jiġi kkalkulat kemm għandu bżonn flus student, imbgħad jiġi identifikat kemm jaqilgħu l-ġenituri. Jekk il-ġenituri jkunu jaqilgħu ħafna, jiġu obbligati bil-**liġi** li jħallsu l-"grant" kollha jiġifieri li l-istudent ma jieħu xejn mill-Gvern. Aktar ma jkun baxx il-qligħ tal-ġenituri, aktar ikun mistenni jikkontribwixxi l-Gvern mis-somma massima li għaliha jkun intitolat l-istudent. (Skond idea A u idea B l-edukazzjoni ogħla għandha tibqa' bla ħlas.)

Idea C hija li mhux l-istudenti kollha jingħataw "grant", imma dawk biss li l-ġenituri tagħhom għandhom qligħ baxx.

**Imma l-edukazzjoni ogħla ma tibqax issir bla ħlas.** Dawk l-istudenti li għandhom ġenituri li jistgħu, mhux talli ma jingħatawx "grant", talli l-ġenituri jkunu mistennija jħallsu għall-edukazzjoni ta' wliedhom u ma jibqgħux jiġu ssussidjati minn flus il-poplu.

Dan għaliex il-Gvern qed iħallas madwar £M900 għal kull student, fis-sena, u li jekk student jieħu l-edukazzjini b'xejn, diġa' jkun qisu qed jieħu "grant", u mhux ħaġa sew li min hu sinjur jiġi ssussdjat. Huwa għalhekk li l-edukazzjoni ogħla għandha ssir bil-ħlas.

Mela, dawn it-tliet ideat joħorġu mill-fehma li għandu jkun hemm għajnuna finanzjarja "gratis" lil min jeħtiegħa, u jkun irid jistudja. It-tlieta huma b'xi mod jew ieħor marbutin mal-qligħ tal-ġenituri.

It-tieni fehma hija li ebda student m'għandu jingħata għotja "gratis". Taħt din il-fehma hemm żewġ ideat oħra, li nsejħulhom idea D u idea E.

Idea D hi li l-istudenti jingħataw self ta' flus. Dawk l-istudenti li jiggradwaw u jmorru jaħdmu għal rashom ikollhom jirrifondu lura l-flus li ġew mislufa lilhom waqt li kienu jistudjaw. Dawk li jiggradwaw u jmorru jaħdmu mal-Gvern ma jħallsux lura dan is-self, għaliex jitqiesu bħala li ħadu "Scholarship" għal skop tas-servizz pubbliku. Naturalment dawn ta' l-aħħar ikunu obbligati li jibqgħu jaħdmu mal-Gvern għal ċertu numru ta' snin.

Idea E hija li dawk li jingħataw għajnuna finanzjarja jridu jaħdmu għaliha. Din l-idea hija dik proposta mill-Gvern. Din hi mibnija fuq il-prinċpju li l-qligħ għandu jkun frott tax-xogħol u li, jekk il-poplu se joħroġ il-flus għal għajnuna finanzjarja, dak li jeħodha għandu jrodd lura din l-għajnuna f'forma ta' servizz lis-soċjeta'.

S'issa, mela, identifikajna ħames ideat, tlieta jaqgħu taħt għotja "gratis" u tnejn taħt għajnuna li titpatta lura.

Hallejna barra, s'issa, lil dawk li ma jaqblux li tingħata għajnuna finanzjarja anki jekk il-ġenituri jkollhom qligħ baxx. Taħt din il-fehma nsibu żewġ ideat, li nsejħulhom F u G.

Idea F hi li l-istudent, sakemm ikun għadu student, m'għandux jippretendi li jaqla' l-flus. Jekk jirnexxilu jiggrad-

wa, imbgħad, 'il quddiem x'aktarx li jibda jaqla' ħafna, ferm aktar minn dak li ma jkunx studja.

Idea G hi li l-ewwel isir pjan edukattiv, u jiġi identifikat liema studju hu meħtieġ u liema mhux. Jingħataw għajnuna dawk l-istudenti **biss** li qed jagħmlu studju meħtieġ għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' Malta. Studju ta' suġġetti li m'humiex meħtieġa, m'għandux jiġi nkuraġġit, u għalhekk m'għandhiex tingħata għajnuna finanzjarja lil studenti li jistudjaw dawn is-suġġetti.

Liema l-aħjar? Skond l-opinjoni tiegħi, sistema ta' għajnuna finanzjarja lill-istudenti għandha tinħadem hekk:

1. Jiġu identifikati sew liema aspetti ta' l-edukazzjoni ogħla huma meħtieġa għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' Malta. Dak li hemm żejjed jitneħħa, dak li hu tajjeb jitħalla, u dak li hemm nieqes jiġi ntrodott. (Dan skond Idea G.)

2. Jiġi kkalkulat kemm hu l-prezz li student iqum lill-Gvern, biex jeduka ruħu. Min għandu l-ġenituri tiegħu sinjuri ħafna, għandu jkun mistenni jħallas il-prezz kollu (jiġifieri li ġenituri sinjuri jkunu mistennija legalment iħallsu l-edukazzjoni ta' wliedhom, u jmantnuhom ukoll). Aktar ma student ikollu ġenituri ta' **qligħ baxx, aktar għandu** jingħata għajnuna biex titħallaslu l-edukazzjoni, u jmantni ruħu mill-Gvern. (Dan skond Idea C.)

3. Dawk kollha li jridu jaħdmu fissajf biex jaqilgħu paga, sinjuri jew fqar, għandu jingħatalhom iċ-ċans li jagħmlu dan, biex jidraw minn kmieni jmidħdu jdejhom għax-xogħol. (Dan skond Idea E.)

B'hekk ikollna dawn il-vantaġġi:-

1. Ma jibqgħux jiġu ssusidjati tfal ta' ġenituri sinjuri. Illum il-poplu Malti qed iħallas għall-edukazzjoni ogħla ta' l-aktar nies għonja.

2. Ma jibqgħux jintefqu flus għal suġġetti li ma tantx neħtieġuhom, u minflok jidħlu suġġetti aktar ta' użu għall-iżvilupp ta' pajjiżna.

3. L-istudenti li jaħdmu jkollhom id-dritt u l-unur li jissejħu ħaddiema, għax ikunu tassew qegħdin jagħtu kontribut dirett għall-produzzjoni ta' pajjiżna.

28–3–76

# 25 — IL-FAXXIZMU F'MALTA

**"IS-SOĊJALIŻMU ta prova li huwa falliment storiku. Il-Faxxiżmu wera li, fi żmien ta' taqlib jista' jkun is-soluzzjoni tajba." Dan il-kliem mhux meħud minn xi diskors ta ta' Mussolini. Forsi ma temmnux, imma dis-silta hija meħuda minn "IT-TOGA", publikazzjoni tal-Kunsill ta' l-Istudenti Universitarji (KRS), li ħarġet dan l-aħħar. Fl-istess ħarġa ta' "It-Toga", korrispondent kiteb li l-istudenti tal-lemin dalwaqt joħorġu fil-beraħ, u juru x'saħħa għandhom. Dan il-korrispondent irringrazzja 'l Alla li fl-Italja dalwaqt ikun hemm reġim Faxxista.**

M'għandniex għalfejn niskantaw li fl-Universita' hemm studenti b'tendenzi Faxxisti. Mhux talli hekk, talli x'aktarx li hemm grupp jismu "Franco" li jemmen li l-għażla trid tkun sewda u mhux ħamra, jiġifieri l-Faxxiżmu jrid jidħol flok is-Soċjaliżmu. Min hu midħla sew ta' l-istudenti, kif jien jien, ma jistagħġibx, għaliex hemm ħafna studenti li huma konservattivi u nazzjonalisti, żewġ kwaltajiet neċessarji biex wieħed ikun Faxxist.

Imma x'inhu dal-Faxxiżmu, hawn min isaqsi. Il-Faxxiżmu mibni fuq l-ideja li l-individwu m'għandux drittijiet, imma dmirijiet biss lejn l-istat. Il-Faxxiżmu mhux mibni fuq ir-raġuni, imma fuq ħwejjeġ bħal nazzjonaliżmu sfrenat, razziżmu, u lublieba għall-vjolenza, speċjalment għall-gwerra. Darba Mussolini qal, "Il-gwerra biss tpoġġi t-timbru tan-nobbilta' fuq il-poplu li jkollhom kuraġġ li jiffaċċjawha." Innazzjonaliżmu u l-vjolenza huma l-bażi tal-Faxxiżmu; f'din is-sistema m'hemmx demokrazija, u għalhekk l-akbar għadu tal-Faxxiżmu huwa s-Soċjaliżmu, li hu mibni fuq id-Demokrazija.

Illum il-kotra tal-poplu tagħraf periklu kbir fil-Faxxiżmu. L-uniċi nies li jistgħu jkollhom simpatija ma' din is-sistema huma dawk li jħobbu l-vjolenza u li joħolmu fil-glorja tal-passat. Il-gruppi faxxisti li jeżistu fl-Italja bħal ''Ordine Nero" jagħmlu atti ta' vjolenza, bħal ma kienu jagħmlu Hitler u Mussolini.

Ħaġa interessanti hi li n-negozjanti u l-kapitalisti ġieli taw l-appoġġ tagħhom lill-faxxisti, u mhux ħaġa kbira jekk il-gruppi tal-faxxisti li jinsabu fl-Ewropa qed jiġu mgħejjuna finanzjarment mill-kapitalisti. Kif jista' jkun inkella, li dawn il-gruppi li ma għandhomx appoġġ popolari, iġibu l-flus għall-armamenti u bombi li jużaw?

Mussolini ma kellux appoġġ popolari. Kellu biss mezzi biex jitterorizza l-poplu, u biex jagħmel hekk kellu skwadri faxxisti magħmulin mill-klassi tan-nofs, u flus ġejjin min-negozjanti l-kbar.

L-istorja wriet li l-Faxxiżmu ġab miegħu ripressjoni, terrur, pulizija sigriet u gwerrer. F'Malta kien hawn min kien jappoġġa lill-Faxxisti fi żmien Mussolini, u għad hawn min jixtieq li f'Malta tispiċċa t-tmexxija Soċjalista biex ċerta klassi tistagħna minn fuq dahar il-ħaddiema. Fortunatament, imma, il-kotra f'Malta u fil-pajjiżi taddinja kollha qed titgħallem li s-Soċjaliżmu huwa l-akbar garanzija biex titwettaq id-demokrazija, fejn issehh l-ugwaljanza' u t-tqassim tal-ġid.

23–3–75

# 26 — ZGHAZAGH AGHTU L-VOT LI MIN TAHULKOM

**KELLI okkażjonijiet oħra f'dan il-ġurnal nispjega kif u għaleix Malta għaddejja minn taqliba. Ġieli fissirt li meta soċjeta' kapitalista tkun qed tinbidel, ċerti valuri li fuqhom tkun mibnija s-soċjeta' l-antika jiġu sfidati mill-Muviment tal-Ħaddiema.**

Fi stat kapitalista, dawk kollha li jkunu laħqu ħadu f'idejhom il-mezzi tal-produzzjoni, bħal makni, fabbriki, art u materjal, ikollhom is-saħħa, mhux biss ekonomika, imma wkoll politika. Permezz ta' din is-setgħa, ikunu jistgħu jinfuwenzaw u jikkontrollaw is-sistema legali u edukattiva il-kultura, u saħansitra r-reliġjon. — B'hekk, dawn jagħmlu ħidma reazzjonarja meta tkun qed issir it-taqliba, għaliex ma jkunx jaqblilhom li jitilfu s-setgħa li jkunu akkwistaw.

M'għandniex xi ngħidu, ikun hemm min jirnexxilu jeħles ruħu mill-introduzzjoni kapitalista u jinduna b'din il-ħidma rejazzjonarja. Imma xi wħud ma jindunawx, għaliex il-valuri li jkunu tgħallmu minn ċkunithom, dawk il-valuri ntenzjonati

biex jiddefendu l-interessi tas-sinjur, ikunu ħakmulhom moħħhom.

Għalhekk, dawk li jkunu jaħdmu biex titwettaq soċjeta' Soċjalista, isibu xkiel mhux biss mill-għedewwa tal-klassi tal-ħaddiema, imma wkoll minn xi ħaddiema li jiġu ngannati u indutti?nati favur is-sistema kapitalista.

Waqt li tkun qed issir it-taqliba, imma, it-twemmin Soċjalista jibda jinfirex b'ħeffa akbar, u jilħaq lil kull min ikollu moħħu miftuħ u dispost li jitgħallem. Forsi l-aktar sezzjoni tas-Soċjeta' li tkun lesta titgħallem hija dik żagħżugħa. Iż-żgħażagħ, x'aktarx li ssibhom jiġru wara xi ideal, biex jippruvaw jagħtu tifsira lill-ħajja. Ħafna jkunu diżillużi, u, kif ngħidu bil-Malti, jagħtuha għall-ħela, imma dawk li jsibu mod kif jagħtu kontribut, issibhom jaħdmu b'entużjażmu kbir. Hija din is-sezzjoni żagħżugħa li tkun lesta titlaq warajha l-valuri antikwati, biex tħaddan it-twemmin Soċjalista.

X'aktarx li l-ġenerazzjoni li llum għandha 'l fuq minn 50 sena mhix se tara f'Malta Soċjeta' "fejn kulħadd jagħti kemm jista' u jieħu kemm għandu bżonn" imma kollox jasal, u bil-ħidma li qed issir fil-preżent mill-mexxejja Soċjalisti, it-triq qed titwitta. Jista' jkun għalhekk, li se jkunu ż-żgħażagħ tal-lum li jaraw it-twettiq ta' Soċjeta' meħlusa tassew mill-kapitaliżmu. Bit-tagħlim li llum qed jinxtered, grazzi għat-tmexxija Soċjalista tal-preżent, iż-żgħażagħ tal-lum jistgħu jkunu huma li jsawru Soċjeta' mibnija fuq il-koperazzjoni u t-tqassim ġust tal-ġid.

Forsi xi wħud jgħidu li qatt mhu se jkun hawn soċjeta' tassew Soċjalista. L-aktar li nistgħu naslu hu, jgħidu dawn, li neħħu xi ftit l-għażż u l-korruzzjoni. Jien inħoss li jista' jsir, infatti ġa' sar f'dawn l-aħħar ħames snin, ferm aktar minn hekk. Bir-rata li mexjin, u bil-ħidma li qed issir biex il-poplu Malti jitgħallem iħobb ix-xogħol, u jobgħod l-egoiżmu, jista' jkun li ma ndumux wisq ma neħilsu mill-ixkiel tal-morali kapitalista, li twikkejna bihom bħala wirt tas-soċjeta' antika.

X'inhu d-dmir taż-żgħażagħ biex titwettaq soċjeta' Soċjalista? L-ewwel nett iż-żgħażagħ għandhom jaraw li t-tmexxija politika ta' pajjiżna tibqa' f'idejn nies tassew progressivi. Bħalissa għandna Partit Soċjalista, li fi żmien relattivament qasir biddel lil Malta bħal-lejl minn nhar. Kulħadd jaf li għad baqa' ħafna x'isir, imma l-bidu sar, sar sew, u sar b'ċertu kuraġġ u determinazzjoni. Mela l-ewwel dmir tagħna ż-żgħażagħ hu li NAGĦTU L-VOT LIL MIN TAĦULNA. B'hekk inkunu qed nassiguraw kontinwita' ta' dak li nbeda, u ma nagħtux ċans lir-rejazzjonarji jxekklu l-mixja tal-progress.

Imbagħad għandna nitgħallmu aktar. It-tagħlim ineħħi l-injoranza li fiha tikber is-setgħa tar-rejazzjonarji. **Hemm bżonn li nitgħallmu l-ideoloġija soċjalista.** Is-Soċjaliżmu għalina għandu jfisser possibbilta' ta' ħajja tassew umana, għaliex l-ideoloġija Soċjalista hija mibnija fuq x'għandha tkun ħajja denja ta' bniedem. Naturalment it-tagħlim m'għandux ifisser biss qari tal-kotba. Il-qari huwa tajjeb u jgħin biex wieħed jiftaħ moħħu, imma dan mhux biżżejjed. Hemm bżonn ukoll nitgħallmu naħdmu **b'mod prattiku** għall-ideal Soċjalista.



Il-ħidma prattika taż-żgħażagħ għandha tkun f'ħafna oqsma, imma speċjalment fil-qasam produttiv u politiku. Fil-qasam produttiv, iż-żgħażagħ jistgħu jagħtu kontribut kbir, direttament billi jaħdmu b'aktar ħeġġa fil-post tax-xogħol tagħhom, u indirettament billi jagħmlu ħilithom ħalli jtejbu l-kapaċita' teknika u akkademika tagħhom, waqt li jkunu jistudjaw. B'hekk, iż-żgħażagħ ikunu tassew denji li jagħmlu parti mill-klassi tal-ħaddiema. Wara l-ħin tax-xogħol u l-istudju, iż-żgħażagħ għandhom jissieħbu f'għaqdiet biex ikattru l-kultura u l-ispirtu sportiv fis-soċjeta' tagħna.

Fil-qasam politiku, imbagħad, l-aktar xogħol importanti taż-żgħażagħ soċjalisti huwa li jagħmlu minn kollox biex jesponu bħala rejazzjonarjil dawk li qed jinqdew bil-valuri antiki biex jeħduha kontra s-soċjaliżmu. Iż-żgħażagħ iridu juru li hemm bżonn tmexxija soċjalista, mhux **biex dak u l-ieħor isib xi qaddis u jieħu xi pjaċir,** imma biex kull membru tas-soċjeta' jitgħallem ikun aktar responsabbli. Iż-żgħażagħ għandhom jużaw l-enerġija tagħhom, u jaħdmu kif ngħidu, bl-"amor proprju," biex iħeġġu lill-membri l-oħra tas-soċjeta' jaħdmu aktar bil-qalb għall-progress soċjali.

Ġieli nisma' xi żgħażagħ bħali jilmentaw li bħalissa m'hawnx organizzazzjoni nazzjonali li tirrappreżenta ż-żgħażagħ Maltin kollha. Dan hu minnu. L-organizzazzjoni li teżisti bħalissa, il-K.R.Ż.M. hija bla sinsla u ddominata minn gruppi konservattivi. Hemm bżonn ta' organizzazzjoni ġdida, b'mexxejja eletti direttament miż-żgħażagħ li jkunu msieħba. L-organizzazzjoni nazzjonali ġdida għandha tingħata l-inkarigu li torganizza u timmobbilizza ż-żgħażagħ Maltin, billi tixgħel ġo fihom entużjażmu ġdid. Hija tassew ħasra li tara xi ġuvintur moħlijin jiġru wara t-tfajliet għax moħħhom biss fis-sess. Mhux għax l-isfog sesswali huwa xi ħaġa ħażina, anzi jiena nħoss li jrid jitneħħa ħafna għanqbut rigward dan is-suġġett. Li hu ħażin hu li s-sess qed ikun ħafna drabi l-uniku skop ta' l-attivita' ta' ċerti żgħażagħ.

Tistaqsihom x'jagħmlu jgħidulek, imorru "disco" biex jaqbdu tfajla, imorru jippassiġġaw biex jaqbdu tfajla, imorru t-talkies biex jaraw films b'nisa mneżżgħin. Insomma donnu s-sess biss jeżisti għalihom. L-istess xi tfajliet, donnhom l-uniku skop hu li jaqbdu għarus. L-organizzazzjoni nazzjonali tista' tagħti skop għal dawk iż-żgħażagħ li s'issa mhux jindunaw kemm jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp totali tas-soċjeta'. Qed ninqeda b'din il-kitba apposta biex inħajjar liż-żgħażagħ jaħdmu biex tinħoloq organizzazzjoni nazzjonali bħal din. F'pajjiżi soċjalisti, fejn hemm għaqdiet bħal dawn, tara ż-żgħażagħ jieħdu sehem attiv f'kull qasam tat-tmexxija, tara leaders żgħażagħ fl-attivitajiet soċjali, kulturali u sportivi.

Il-Gvern Soċjalista għamel ħafna għaż-żgħażagħ, u issa jidher li anki qed ifassal politika apposta għalihom. Wieħed jispera li t-twettiq ta' din il-politika jiġi fdat f'dejn individwi li għandhom tassew għal qalbhom l-iżvilupp taż-żgħażagħ Maltin. U dan m'għandux jonqos mill-Partit Soċjalista, partit li dejjem apprezza s-sehem li jistgħu jagħtu ż-żgħażagħ.

**1-2-76**

# 27 — OBBLIGAZZJONIJIET U OFFIZI

**F'ARTIKLU ieħor ktibt li meta wieħed jargumenta fuq kwistjonijiet morali, wieħed irid jiddistingwi sew bejn obbligazzjonijiet u offiżi ċivili u obbligazzjonijiet u offiżi reliġjużi. Kull ċittadin għandu obbligazzjonijiet ċivili, ngħidu aħna li ma jixraqx, u jekk ma josservax dawn l-obbligazzjonijiet ikun qed jagħmel offiżi kontra l-Istat.**

L-Istat għandu metodi biex kemm jista' jkun inaqqas l-offiżi ċivili, mhux biss għaliex hawn il-kastigi bħal ħabs, multi, ecc., imma l-aktar permezz ta' l-edukazzjoni. Jiena wieħed li nemmen illi jista' jkun hawn liġijiet ċivili li huma nġusti, imma aktar ma soċjeta' tersaq lejn is-soċjaliżmu aktar tonqos il-possibbilta' ta' nġustizzja legalizzata.

L-obbligazzjonijiet ċivili jibqgħu jorbtu anki f'soċjeta' soċjalista avvanzata, imma d-differenza tkun illi l-ewwel nett jiġu eliminati ħafna liġijiet antikwati u nġusti, u t-tieni, il-liġijiet jiġu obduti aktar spontanjament mill-poplu. Dan għaliex biex titwettaq soċjeta' soċjalista l-membri tal-kommunita' jridu jintebħu li ħajja umana teħtieġ koperazzjoni sħiħa bejn il-membri kollha tas-soċjeta'.

**Għalhekk fi kwalunkwe sitwazzjoni, fejn jeżistu gruppi ta' nies jgħixu flimkien, dejjem ikun hemm obbligazzjonijiet ċivili, jew soċjali, imma aktar ma s-soċjeta' tavvanza lejn is-soċjaliżmu aktar ikun hemm liġijiet ġusti u ubbidjenza spontanja.**

Insibu wkoll obbligazzjonijiet reliġjużi. Dawn ikunu jorbtu biss lil min ikun jipprattika r-reliġjon li tagħmel l-obbligi. Jiġifieri min hu kattoliku prattikanti jrid josserva dak li tordnalu l-Knisja Kattolika. Min ma jħaddan l-ebda reliġjon ma jkun marbut ma' l-ebda obbligu reliġjuż, jekk dan l-obbligu jkun purament reliġjuż. Min hu atejista per eżempju ma jisraqx u ma joqtolx mhux għax il-knisja tgħid hekk, imma għaliex il-liġi ċivili hekk tobbligah, u jew għaliex hekk iħoss li għandu jagħmel.

Issa f'Malta għandna ndividwi li huma ċittadini u kattoliċi fl-istess ħin. Jiġifieri barra l-liġi ċivili, dawn jgħabbu lilhom infushom b'obbligazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-reliġjon. Gieli jiġri li l-liġi ċivili u l-liġi reliġjuża ma jkunux jaqblu. Per eżempju, min ma jmurx quddies nhar ta' Ħadd jikser obbligazzjoni reliġjuża, imma l-ebda obbligazzjoni ċivili. Min-naħa l-oħra, Musulman li jsir ċittadin Malti u jkun joqgħod Malta, u jiżżewweġ erba' nisa ma jkunx qiegħed bilfors jagħmel offiża reliġjuża, imma jkun bla dubju ta' xejn qed jagħmel offiża ċivili.

Il-liġi ta' Malta ma taqbilx f kollox mal-liġi tal-Knisja, imma m'hemm xejn fil-liġi ta l-Istat li ma jħallix lil min hu kattoliku prattikanti li jaqdi d-doveri reliġjużi tiegħu bil-liberta' kollha. Per eżempju kif kont spjegajt f'artiklu ieħor, il-liġi dwar iż-żwieġ tippermetti lil kull ċittadin Malti li jekk irid, jiżżewweġ fil-knisja quddiem qassis, u bir-rit kattoliku.

Imma donnu hawn indivdwi li mhumiex kuntenti b'dan l-arranġament. Hawn min mhux sodisfatt li l-kattoliċiżmu mhux biss huwa tollerat imma wkoll inkoraġġit f'Malta. Hawn min irid li l-Parlament ma jeżerċitax id-dritt li jilleġisla, biex titħalla istituzzjoni reliġjuża tobbliga ċivilment lil ċittadini Maltin.

**Jafu jew ma jafux dawn l-individwi li r-reliġjon m'għandhiex tiġi mposta fuq ħadd, lanqas fuq min hu kattoliku prattikanti? Jien inħoss li meta l-kattoliċi timpenilhom obbligu reliġjuż tkun qed tinsulta lill-istess kattoliċi. Qisek qed tammetti li jekk ma ġġiegħelx lill-kattoliċi jobdu bil-liġi, allura l-fidi se tintilef. Wieħed m'għandux jimxi wara Kristu għax jiġi mġegħel bil-fors bil-liġi, imma għax hekk għandu jħoss fil-kuxjenza tiegħu.**

**25-5-75**

# 28 — X'INHUMA L-VALURI NSARA

**DAN l-aħħar l-editur tal-"Leħen is-Sewwa" qatagħha li jeżamina s-sitwazzjoni f'Malta biex jara jekk is-soċjeta' Maltija kisbitx ġid mis-Soċjaliżmu, biex kif qal hu, ikompli jiddefendi valuri nsara f'Malta Kattolika, kif il-"Leħen" tippretendi li ilha tagħmel għal dan l-aħħar nofs seklu.**

Kif stennejt, il-valuri nsara mhumiex, għall-editur tal-"Leħen is-Sewwa", l-imħabba tal-proxxmu, l-għajnuna għal min għandu bżonn, għoti ta' drittijiet lill-mara, children's allonwance, u rispett lejn il-persuna umana. Le, xejn minn dan. Għalxejn il-Vanġelu jgħid li l-aqwa kmandament huwa li tħobb lill-Alla u lil-għajrek bħalek nnifsek. L-erba' Vanġeli (Mt. 19. 19, Mark 12, 31, Luqa 10, 27 u Ġwanni 13, 34) jinsistu li l-imħabba tal-proxxmu għandha tkun l-ogħla valur ta' dak li jimxi wara Kristu. Imma donnu li għall-editur tal-"Leħen" dak li jgħid il-Vanġelu mhux importanti. Donnu li għall-editur tal-"Leħen", l-unika azzjoni li fiha valur nisrani hija dik li tmaqdar il-Partit Soċjalista. Għalhekk, meta l-editur ġie biex jgħid x'għamel il-Gvern Socjalista ma qagħdx isemmi fejn il-Gvern wettaq ċerti prinċipji nsara: semma biss fejn, skond l-opinjoni tiegħu, il-Gvern ħadha kontra l-Knisja.

U qed ngħid skond l-opinjoni tiegħu, għax jekk wieħed jgħid is sewwa, ma jistax jgħid li l-Gvern ħadha kontra l-Knisja. Kull ma għamel il-Gvern huwa li għamilha aktar possibbli biex titwettaq il-liberta' tal-kuxjenza. Nisfida lill-editur tal-"Leħen" biex jagħti eżempju wieħed jew isemmi każ wieħed, fejn il-Knisja tnaqqsitilha l-possibbilta' li tgħallem, u teżerċita l-funzjonijiet tagħha għal min irid jisma' u jattendi. F'Malta kull min irid jisma' l-quddies, jisma' priedki, joffri flus, ixerred kotba, jgħallem u jitgħallem insomma jagħmel dak kollu li hu meħtieġ biex jinxtered it-tagħlim nisrani, għandu kull possibbilta' li jagħmel dan.

Naturalment, l-ebda Nisrani ma għandu jippretendi li t-tagħlim għandu jiġi mponut bilfors fuq dawk li ma jridux ikunu nsara, jew ma jridux jipprattikaw ir-reliġjon Kattolika.

U dan skond it-tagħlim tal-Knisja stess. Naraw li fid-dokument dwar il-liberta' reliġjuża tal-Konċilju Vatikan it-Tieni[20] hemm miktub li "il-persuna umana għandha dritt għal-liberta' reliġjuża. Dil-liberta' tfisser li l-bnedmin kollha għandhom ikunu ħielsa milli jiġu mġiegħla minn individwi jew gruppi soċjali u minn kwalunkwe qawwa umana, b'mod li, fi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mar-reliġjon, ħadd m'għandu jiġi obbligat li jaġixxi kontra dak li jkun jemmen...".

L-editur tal-"Leħen is-Sewwa", imma donnu ma għoġbitux l-idea li f'Malta għandu jkun hawn liberta' tal-kuxjenza. Naraw ftit x'kiteb. **"(Il-poplu) għandu jiftakar meta neħħew it-tagħlim obbligatorju tar-Reliġjon għall-istudenti li jkunu għalqu s-16-il sena, u neħħew ukoll l-eżami tar-Reliġjon minn suġġett obbligatorju għad-dħul fl-Universita'."** Dan hu li jippretendi l-editur. X'jimpurtah x'qal il-Konċilju: l-aqwa li jitfa' dell ikrah fuq il-Gvern. Bħallikieku huwa xi valur Nisrani li timponi, kontra r-rieda ta' l-individwu tagħlim u eżamijiet reliġjużi!

L-editur semma wkoll il-films, li huwa sejjaħ pornografiċi. Minix se nidħol fil-kwistjoni jekk dawn il-films humiex tassew pornografiċi, u jekk huma, xi ħsara jistgħu jagħmlu. Li jinteressani hu jekk dawn il-films humiex qegħdin jiġu mponuti fuq il-poplu, kif l-editur jixtieq li tiġi mponuta r-reliġjon. Jaf jew ma jafx, l-editur, li min qed jara film, irid jagħżel hu li jmur jarah, irid jiskomoda ruħu li jmur it-"talkies," u fuq kollox iħallas. Min qed imur dan jagħmlu minn jeddu. Jiena nħoss li l-attendenza kbira għal dawn il-films turi ħaġa waħda. Tant kien hawn skarsezza ta' nudita' fuq li "screen", tant kien hawn restrizzjonijiet, li ħallew l-mentalita' tal-poplu Malti lura fil-passat, li films fejn tidher mara mneżża' ħadu valur kbir sempliċiment għax kienu skarsi. Naraw kif dawn il-films jindraw bħal ma ndrat il-bikini.

Jien aktar nikkundanna l-bigottiżmu u l-ipokresija, ta' ċerti nies, li malajr jikkundannaw, imbagħad tarahom ikunu minn ta' l-ewwel li jaraw dawn il-films, meta jkunu msiefrin jew biex taparsi jiċċensurawhom.

L-editur tal-"Leħen is-Sewwa" ma qgħadx lura milli jikkritika l-Kostituzzjoni tar-Repubblika. Qal li permezz tagħha se jiġi mfixkel "l-eżerċizzju tal-missjoni divina tal-Knisja" u dan wara li l-Vatikan approva, jew aħjar ma kellux oġġezzjoni, għat-tibdil li sar.[21] Imma l-editur għandu. Tarax, l-għalliem suprem tal-Knisja, issuċċessur ta' San Pietru, ma jafx daqs kemm jaf l-editur tal-"Leħen".

U x'ma semmiex l-editur. Il-komuniżmu, l-atejiżmu, il-vjolenza, il-ħbiberija maċ-Ċina, il-materjaliżmu, il-Brothers tat-Training College, l-adulterju. Kollox. Kważi kull ma għamel il-Gvern, skond l-editur, kollox sar biex titkisser il-Knisja, biex is-soċjeta' Maltija tikkorrompi ruħha. Qabel, kollox kien sew. Il-kuntrabandu, il-prostituzzjoni fil-miftuħ, spekulazzjoni fiġijiet antikwati, insomma kważi kollox kien sew qabel.

Imbagħad jiskantaw għaliex xi ndividwi qed jitilfu l-fidi. U żgur li r-Reliġjon tiġi mkasbra, jekk hawn min qed jużaha għal finijiet ta' moħħu, u mhux għall-finijiet li kellu f'moħħu Kristu. Allaħares il-"Leħen" kellha ċirkolazzjoni akbar milli għandha, għax kieku tgħidx kemm ikun hawn individwi li jkomplu jeħduha kontra r-Reliġjon. Artiklu bħal dak tal-editur, jappella għal min hu bigotta, għal min jixtieq li jkollna gvern Konservattiv, għal min ma jaħmilx jara l-progress, għal min jeħodha kontra l-iżvilupp tas-soċjeta' Maltija. Dawk li japprezzaw il-ħidma ta' dal-Gvern, bħalma qed jagħmlu l-maġġoranza tal-poplu jaraw f'dan l-editorjal attakk politiku, fejn il-Knisja u r-Reliġjon qed tintuża bħala arma reazzjonarja. Forsi mhux qed jirrealizza l-editur li b'daqshekk ir-Reliġjon qed tiġi mkasbra?



Xi drabi jgħaddili minn moħħi li dawk li qed jippruvaw irewħu l-ħuġġieġa tal-glieda politika-reliġjuża, qegħdin jinkwetaw l-aktar għaliex il-poplu qed jitgħallem. Meta individwu jitgħallem u jsir jaf xi drittijiet għandu bħala bniedem, u jibqa jinduna x'inhi tassew ħajja umana, ma jibqax iħalli lil min jidħak bih. Kien hemm żmien meta kont tixtri l-ġenna billi tħalli xi biċċa art, jew tħalli xi somma flus. Kien hemm żmien meta t-tagħlim ta' l-iskola kien itelliflek ruħek. U kien hemm żmien ukoll meta l-ħaddiem kien jagħmel dnub jekk jeħodha kontra s-sid li jisfruttah.

Dak kien iż-żmien ta' l-injoranza u l-għaks. Hemm min qed jinkwieta jara dan iż-żmien jispiċċa, u floku jidħol żmien il-progress. M'għandniex xi ngħidu, min għandu tassew għal qalbu r-reliġjon, min jixtieq tassew jersaq lejn Alla, ma jeħodiex kontra l-progress u hawn bosta qassisin ta' rieda tajba li japprezzaw il-benefiċċji tas-Soċjaliżmu. Imma xi wħud mhux ir-reliġjon għandhom għal qalbhom, imma l-qawwa materjali, is-setgħa politika. Dawk il-bigotti li tant qed jeħduha kontra l-materjaliżmu malajr jinqarsu x'ħin jiġu ntaxxati, x'ħin tonqsilhom is-setgħa temporali u x'ħin jaraw li tilfu s-seħer li kellhom fuq il-poplu fi żmien l-injoranza.

U jekk sar xi progress, jekk spiċċa żmien l-injoranza u l-għaks dan nafuh lis-Soċjaliżmu. Permezz tas-Soċjaliżmu, daħlet id-Demokrazija. Is-setgħa qegħda f'idejn min irid il-poplu, f'idejn min, demokratikament, ġiet fdata t-tmexxija Dawk li jaħsbu li għandhom xi setgħa ġejja minn x'imkien ieħor, jagħmlu bħar-re' li biex joppressa u jisfrutta l-poplu bbaża l-ħakma tiegħu fuq id-dritt divin.

Is-setgħa politika għandha tiġi mill-poplu, u aktar ma l-poplu jkun matur u ħieles, aktar jagħżel mexxejja tajbin. Illum il-poplu qed jimmatura, u qed jitgħallem jagħżel it-tajjeb mill-ħażin, u s-sinċier mill-ipokrita.

25-1-76

# 29 — IS-SEHEM TAL-HADDIEM

**F'KULL organizzazzjoni jrid ikun hemm xi ħadd li jieħu deċiżjonijiet. Jekk l-organizzazzjoni tkun żgħira, jista' jkun li d-deċiżjonijiet jittieħdu mill-membri kollha flimkien, li jiddeċiedu skond proċedura li fuqha jkunu qablu l-membri. Jekk l-organizzazzjoni tkun kbira, jkun jeħtieġ li jintagħżel grupp ta' nies, jew kumitat, biex jiddeċiedi, f'isem il-membri kollha x'għandu jsir. Biex tkun isseħħ tassew id-demokrazija, il-membri kollha, jrid ikollhom setgħa jbiddlu deċiżjonijiet u anke l-membri, tal-kumitat li huma stess ikunu għażlu, dejjem skond proċedura li fuqha jkun hemm qbil.**

Jiġri imma, li f'ħafna organizzazzjonijiet, li jimpjegaw ħaddiema, ma tkunx teżisti din it-tip ta' demokrazija. Dan jiġri l-aktar f'impriżi privati, fejn dawk li jagħtu l-ordnijiet u jieħdu deċiżjonijiet ma jkunux magħżulin mill-ħaddiema. F'qagħda bħal din, il-ħaddiema impjegati, x'aktarx li jkunu jqisu xogħol tagħhom bħala xi ħaġa mbarrija minnhom, xi ħaġa li trid issir bil-fors, bħal ma l-iskjav irid jobdi lis-sid. Xi sidien privati ma jemmnux fid-demokrazija industrijali għaliex jgħidu li l-impriża tmur lura jekk ma jkunx hemm

dixxiplina stretta mis-sid.

Il-fatti imma juru mod ieħor. Ħafna studjużi waslu għall-konklużjoni li jekk ħaddiem ma jkunx kuntent fuq xogħlu, anki jekk ikollu paga għolja, ma jagħtix dak kollu li jista'. Dixxiplina żejda missid, xi drabi twassal biex il-ħaddiem juri li qed jaħdem waqt li jkun mgħasses biss, u x'ħin ħadd ma jkun jarah, jieqaf jew inaqqas. Dan li jiġri meta l-ħaddiem ma jkunx għal qalbu. Dan jiġri lilna lkoll meta nagħmlu xi ħaġa li ma jkollniex interess fiha. Meta l-ħaddiema jingħataw ċans li jiddeċiedu huma stess kif għandu jsir ix-xogħol, u anki, kif ħa jitqassam il-qligħ li jsir mix-xogħol, x'aktarx li jiżdied l-interess fix-xogħol u tikber l-effiċjenza.

Imma l-ħtieġa tad-demokrazija fl-impriża m'għandix tiġi ġġustifikata biss għaliex iżżid l-effiċjenza. Għandha tiġi bbażata fuq prinċipju soċjalist, li l-ħaddiema kollha, kemm dawk tal-id, kif ukoll dawk tal-moħħ u tal-pinna għandhom ikollhom metodi u mezzi biex jiddeterminaw id-destin tagħhom, u ma jibqgħux jiddependu fuq il-burdati ta' ftit nies li għandhom f'idejhom il-mezzi tal-produzzjoni.

Biex nispjega dan il-prinċipju, ħa nfisser xi kwalita' ta' deċiżjonijiet jittieħdu fl-impriża, u x'għandu wieħed jifhem meta jgħid ħaddiem. L-ewwel nett hemm deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ispejjeż tal-produzzjoni. Irid jinxtara l-materjal, jintużaw il-makni, jitħallsu l-ħaddiema, u jiġi ffissat il-livell tal-profitti. Dawn id-deċiżjonijiet ikollhom effett fuq il-prezz finali tal-prodott. X'aktarx li l-ħaddiema mpjegati jsibu diffikultajiet kbar biex jieħdu sehem f'deċiżjonijiet bħal dawn, speċjalment fis-settur privat. U dan avolja, fl-aħħar mill-aħħar, il-prezz tal-prodott jista' jeffettwa n-numru ta' nies li jiġu mpjegati.

Imbagħad hemm deċiżjonijiet tekniċi. Per eżempju, xi ħadd irid jiddeċiedi dwar il-kwalita' tal-prodott, dwar kif jitpoġġew il-makni u kif jitqassam ix-xogħol, u anki dwar x'tip ta' investiment ġdid jeħtieġ isir. Dawn id-deċiżjonijiet jaffettwaw direttament l-effiċjenza tal-impriża. Hawnhekk ukoll, il-ħaddiema jsibu diffikultajiet biex jipparteċipaw meta l-impriża tkun proprjeta' privata.

Forma oħra ta' deċiżjonijiet huma dawk li jolqtu l-problemi umani tal-ħaddiema, bħal ngħidu aħna vaganzi, ħinijiet tal-mistrieħ, periklu fix-xogħol, indafa, u attivitajiet soċjali. Hawnhekk ġieli l-ħaddiema jitħallew jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet u xi drabi jieħdu l-inizjattiva.

Għalhekk naraw li hemm ħafna tipi ta' deċiżjonijiet, u biex sehem il-ħaddiema jkun ġenwin, il-ħaddiema jridu jingħataw il-possibilta li jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet kollha.

Hemm ukoll bosta forom ta' parteċipazzjoni. Għamla waħda hija dik fejn il-ħaddiema jkollhom rappreżentant fuq "board" li jieħu d-deċiżjonijiet. Din il-parteċipazzjoni hija limitata ferm, il-għaliex kull ma jkun jista' jagħmel ir-rappreżentant huwa li jsemma leħnu, jekk iħalluh, u xejn iżjed. Grad ogħla ta' parteċipazzjoni huwa dak fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jiġu rappreżentati b'aktar minn ħaddiem wieħed magħżul minnhom. Xi drabi l-ħaddiema jkunu jistgħu jtellgħu nofs ir-rappreżentanti li jkunu jiffurmaw il-"board". Ġeneralment, imma, board bħal dan ma jkunx jista' jieħu deċiżjonijiet ta' livell għoli.

Imbagħad insibu parteċipazzjoni ta' grad għoli ħafna, fejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jagħżlu huma stess in-nies kollha li jiffurmaw il-"board" li jieħu d-deċiżjonijiet kollha tal-impriża. Din l-għamla ta' parteċipazzjoni hija bħal dik li sseħħ fit-tarzna. Naturalment,



xorta jibqa' l-ħtieġa li jiġu mpjegati esperti biex jagħtu parir dwar ċerti ħwejjeġ tekniċi, imma d-deċiżjoni finali tkun f'idejn il-ħaddiema permezz ta' nies magħżulin minnhom. F'sitwazzjoni demokratika bħal din nistennew li tiżdied l-effiċjenza u l-paċi industrijali kif fil-fatt qed jiġri fit-tarzna.

Irridu noqogħodu attenti li meta qed ngħidu ħaddiema, ma għandnix nifhmu ħaddiema tal-id biss. Fit-tarzna per eżempju, kull min jagħti sehem għall-produzzjoni huwa ħaddiem, kemm dak li jġorr u dak li jikteb, kif ukoll dak li jippjana, u jfittex swieq ġodda. Dan qed ngħidu għaliex xi wħud jaħsbu li s-sid ma jistax ikun ħaddiem fl-impriża tiegħu.

F'ditta privata, is-sid li jaħdem b'moħħu jew bil-pinna huwa ħaddiem ukoll. Id-differenza li jkun hemm bejnu u bejn ħaddiem impjegat tkun li s-sid, jekk irid, u jkollu l-mezzi, ikun jista' jisfrutta l-ħaddiema impjegati miegħu, u jistmagħhom ta' sefturi. Biex dan ma jseħħx jeħtieġ żewġ ħwejjeġ.

L-ewwel nett is-sid għandu jieħu mill-qligħ tal-produzzjoni dak biss li jixraqlu għax-xogħol li jagħmel biex jgħix ħajja komda, bħal ma jixraqlu kull ħaddiem impjegat. L-ideja li s-sid huwa xi speċi superjuri għall-impjegat, sempliċiment għax approprja mezzi tal-produzzjoni għandha tinqata darba għal dejjem.

It-tieni, u dan huwa importanti ħafna, għandha tispiċċa l-ideja li s-sid tal-fabbrika għandu wkoll ikun sid tal-persuna u tax-xogħol tal-ħaddiem impjegat. Jekk is-sid għandu l-bini u l-makni, l-impjegati għandhom ix-xogħol. Il-produzzjoni ma ssirx bil-bini u l-makni biss. U għalhekk il-ħaddiema huma meħtieġa għall-impriża daqs il-makni u l-bini. Mela, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu minn kull min jieħu sehem fil-produzzjoni, b'mod demokratiku, u mhux mis-sid tal-impriża biss.

Għalkemm huwa fatt li x-xogħol tal-ħaddiema huwa importanti daqs, jekk mhux aktar, mill-bini u l-makni, ħafna għadhom jaħsbu li s-sid għandu dritt jieħu qligħ ferm ogħla minn tal-ħaddiema impjegati u li jiddeċiedi hu waħdu x'għandu jsir. Jekk il-qligħ ma jinqasamx sew, u jekk fl-impriża ma sseħħx tassew id-demokrazija, il-ħaddiema mpjegati jkunu qed jiġu mċaħħda minn jeddijiet importanti. L-aktar diffikulta li jiltaqgħu magħha l-ħaddiema biex jirbħu dawn il-jeddijiet huwa l-wirt kapitalista li għadu jeżisti f'Malta, u li l-gvern soċjalista qed jaħdem biex jeqirdu.

**29-8-76**

## *Noti u Riferenzi*

1. Rapport ta' dan id-diskors importanti deher f'"l-orizzont" tat-22 ta' Lulju 1974. F'din it-taħdita, Dom Mintoff ġabar fil-qosor x'għandhom jemmnu l-membri tal-Partit tal-Ħaddiema Malti. Dwar dan, ara l-artiklu "Jista' n-Nisrani jkun Soċjalista" li deher f'"It-Torċa" tal-15 ta' Awwissu, 1976.

2. Ara nota 19 dwar Dittatura tal-Proletarjat.

3. **REJAZZJONARJI** huma dawk li jeħduha kontra l-progress. Ara paġna 27 ta' dan il-ktieb.

4. **PARTITI SOĊJALISTI DEMOKRATIĊI** jqisu li l-bidla mill-kapitaliżmu għas-soċjaliżmu tista' ssir b'riformi aktarx mgħoddija minn parlament fejn jistgħu jkunu rappreżentati aktar minn partit wieħed, mingħajr il-ħtieġa ta' rivoluzzjoni vjolenti u dittatura tal-proletarjat.

Fl-aħħar kwart tas-seklu dsatax, il-partiti soċjalisti Ewropej kienu influwenzati mid-duttrina Marxista, imma sa mill-bidu nett, kien hemm kontroversja qawwija dwar kif għandu jiġi nterpretat il-Marxiżmu, u dwar jekk xi prinċipji Marxisti humiex validi. Dawk il-partiti soċjalisti li kienu jemmnu fil-ħtieġa ta' rivoluzzjoni vjolenti, u li baqgħu aktar fidili lejn it-tagħlim ortodoss Marxist bdew jissejħu soċjalisti rivoluzzjonarji, JEW KOMUNISTI. Min-naħa l-oħra dawk is-soċjalisti li abbandunaw ftit jew wisq il-prinċipji fundamentali tal-Marxiżmu, imma li riedu wkoll jaħdmu għall-emanċipazzjoni tal-klassi tal-ħaddiema, bdew jissejħu REVIŻJONISTI, li minnhom ħarġu l-partiti Soċjalisti Demokratiċi. Fost il-mexxejja komunisti nsibu lil Lenin (1870-1924) li ma' dak li kiteb Marx żied tagħrif dwar dittatura tal-proletarjat, li dwarha Marx ma tantx kien kiteb. Fost it-tejoristi reviżjonisti insibu lill-Eduard Bernstein (1950-1932) u lil Sidney u Beatrice Webb (1859-1947) (1858-1943).

Il-partiti Soċjalisti Demokratiċi ingħaqdu fit-tieni internazzjonal meta ġie ri-organizzat wara l-ewwel gwerra. Illum insibu partiti soċjalisti demokratiċi fil-gvern, fosthom il-"Labour Party" Ingliż, il-Partit Soċjal-Demokratiku Svediż, il-Partit Soċjal-Demokratiku Ġermaniż, u l-Partit tal-Ħaddiema Malti.

5. **TAQLIBA** — F'dan il-ktieb, il-kelma ntużat biex tfisser rivoluzzjoni. L-iskop tat-taqliba soċjalista għandu jkun biex tinħoloq soċjeta' tassew demokratika, fejn ir-relazzjonijiet bejn bniedem u ieħor isiru relazzjonijiet tassew umani, u jispiċċa għal kollox l-isfruttar. M'hemmx għalfejn tintuża vjolenza biex isseħħ taqliba bħal din, għalkemm f'xi pajjiżi, il-klassi tal-ħaddiema ma kelliex triq oħra ħlief li taqbad l-armi biex teħles mill-kapitaliżmu. X'aktarx li f'Malta t-taqliba tista' ssir u tirnexxi mingħajr tixrid ta' demm.

6. **VALUR ŻEJJED** — Hawnhekk qed nirreferi għall-valur żejjed li jinħoloq minħabba s-setgħa li bejjiegħ ikollu fuq is-suq. Fis-sens Marxist valur żejjed jinħoloq minħabba li s-sid tal-mezzi tal-produzzjoni jkun jista' jħallas lill-ħaddiema paga anqas milli jkun jiswa x-xogħol tagħhom. Fi kliem ieħor, fis-sens Marxist, jekk ħaddiem jingħata paga biex isservih kemm kemm jgħix, imma x-xogħol li jagħti jkun jiswa aktar, id-differenza bejn kemm jiswa x-xogħol u kemm fil-fatt jieħu l-ħaddiem ikun il-valur żejjed li jiġi meħud mis-sid. Il-valur żejjed, fis-sens Marxist jiġi mill-isfruttar tal-ħaddiema. Fis-sens li hu wżat f'dan l-artiklu, il-valur żejjed jiġi mill-isfruttar tax-xerrej, meta l-bejjiegħ ikollu xi grad ta' monopoliu.

7. **IT-TBARRIJA** mill-umanita' f'dan l-artiklu tfisser it-telfa ta' dawk il-kwalitajiet li bihom l-ispeċi umana tingħaraf minn speċi oħra. (Bl-Ingliż tbarrija tiġi "Alienation" mill-ġermaniż "Entausserung".) It-tbarrija sseħħ taħt sistema kapitalista, għaliex il-ħaddiem jiġi stmat bħal bhima, mġiegħel jaħdem u jipproduċi għall-sidu, biex ma imutx bil-ġuħ, ħalli jkun jista' jkompli jaħdem. F'qagħda bħal din, il-ħaddiem jitlef kwalita' umana ewlenija, jiġifieri dik li jagħmel xogħol ħieles u krejattiv. Barra minn hekk, taħt il-kapitaliżmu, il-ħaddiem jiġi mbarri mill-frott tax-xogħol tiegħu stess, għax kif jitlesta, il-prodott isir proprjeta tas-sid. Din ukoll twassal għat-tbarrija tal-ħaddiem minn xogħlu.

Il-kunċett tat-tbarrija mill-umanita' huwa mportanti mmens fl-istudju u fil-prattika tal-politika. Jekk jiġi magħruf sew x'inhi essenzjalment l-ispeċi umana, u x'inhuma l-ħtiġijiet ta' ħajja tassew umana, l-attivita' politika għandha jkollha bħala l-għan aħħari il-kisba ta' dak kollu li jkattar il-kwalitajiet u ħtieġijiet umani. Fi kliem ieħor, il-ħdma politika għandha twassal biex is-soċjeta' teħles minn dak kollu li jbarri l-umanita' mill-bniedem. (Ara wkoll "It-Tbarrija fil-Kitba ta' Marj" f'"Ix-Xogħol" numru 6 1974.

8. **PROPRJETA PRIVATA** hawn tirreferi għal mezzi tal-produzzjoni. Ara artiklu dwar dan is-suġġett li deher f'"l-orizzont" 30/9/75, paġna 9.

**PROPRJETA PRIVATA** tal-mezzi tal-produzzjoni. Din hija l-bażi tas-sistema kapitalista. Bis-saħħa ta' din il-proprjeta, is-sidien jakkwistaw setgħa ekonomika u politika, u ħakma fuq il-klassi tal-ħaddiema. Id-duttrina Marxista titlob li, biex il-ħaddiema jeħilsu mill-isfruttar li jġib miegħu il-kapitaliżmu, hemm bżonn li l-mezzi tal-produzzjoni jittieħdu minn sidhom u jingħataw lill-ħaddiema biex imexxuhom huma. Mhux il-partiti soċjalisti kollha jaqblu ma' din l-ideja. Xi partiti soċjalisti jemmnu li l-proprjeta' tal-mezzi tal-produzzjoni għandha titħalla f'idejn privati f'ċerti ċirkostanzi, sakemm dan ma jkunx għad-detriment tas-soċjeta'.

9. **BURGEŻIJA**, għall-ewwel, kienet tfisser waħda mill-klassijiet soċjali fi Franza, magħmula minn negozjanti u mgħallmin. Din il-klassi kienet teskludi n-nobilta' u l-kleru, kif ukoll il-proletarjat. Illum il-kelma x'aktarx tintuża biex tfisser il-klassi tan-nofs, l-aktar dawk is-sidien privati tal-mezzi tal-produzzjoni. Il-Burgeżija issawret hekk kif bdew jitfarrku r-relazzjonijiet soċjali tal-fewdaliżmu. Din il-klassi żviluppat sistema ekonomika mibnija fuq in-negozju hekk imsejjaħ "ħieles" u l-proprjeta privata. Għalkemm il-kapitaliżmu, li nħoloq u tmexxa minn din il-klassi, kien il-kawża ta' żvilupp ekonomiku mgħaġġel f'xi pajjiżi ewropej, ir-relazzjonijiet soċjali li ġabet magħha din is-sistema, wasslu għall-isfruttar tal-ħaddiema. (Ara wkoll l-artikli ta' Pawlu Montebello li deħru f'"Is-Sebħ" dwar "Nisel, is-Soċjaliżmu" speċjalment dawk tat-30/7-76, tas-7/8/76 u ta' l-14/8/76.)

10. Il-moviment tal- **PAJJIŻI MHUX MARBUTIN** ("non-aligned" bl-ingliż) nistgħu ngħidu li twieled mill-konferenza tal-pajjiżi Afrikani u Asjatiċi fl-Indoneżja fl-1955. L-ewwel laqgħa proprja li għalija attendew mexxejja tal-pajjiżi saret fil-Jugoslavja fl-1961. Min dak iż-żmien saru ħafna laqgħat ta' kull livell, l-aktar importanti fosthom kienu dawk li saru fl-Eġittu fl-1964, fl-Alġerija fl-1973, f'Zambia fl-1970 u dis-sena fi Sri Lanka. Hemm 85 pajjiż imseħbin, li fihom jgħixu 'l fuq minn 1300 miljun ruħ. L-iskop ewlieni tal-moviment huwa li tintlaħaq il-paċi mingħajr il-ħtieġa ta' blokki miltari, u li jissawwar ordni ekonomiku u politiku ġdid mibni fuq il-ħbiberija bejn popli u pajjiżi ħielsa. Malta hija membru ta' dan il-moviment.

11. **KARL MARX** twieled fl-1818 u miet 1883. Huwa il-fundatur tas-soċjaliżmu xjentifiku, u flimkien ma' Frederick Engels kiteb bosta xogħlijiet importanti dwar is-sistema kapitalista, u l-isfruttar tal-ħaddiema li ġabet magħha din is-sistema. Skond Marx, is-sistema kapitalista trawwem iż-żerriegħa tal-qerda tagħha stess. Il-ġlieda tal-klassi twassal għal taqliba, fejn is-setgħa tgħaddi f'idejn il-ħaddiema. Meta jinqered għal kollox il-wirt tal-kapitaliżmu, jispiċċa l-istat, u s-soċjeta' ssir waħda komunista. Fil-kitba bikrija tiegħu Marx fisser kif taħt sistema kapitalista il-bniedem ma jistax jikseb il-kwalitajiet u l-ħtiġijiet umani. Aktar tard, huwa fisser fid-dettal kif taħdem l-ekonomija kapitalista. Barra li kien kittieb prolifiku, huwa kien attivist politiku, u ta sehem importanti biex jissawwar l-ewwel Internazzjonali. Fost l-aktar xogħolijiet importanti tiegħu nsibu "Il-Manuskritti ta' l-1844," "Il-Manifest Kommunist" u "Il-Kapital."

12. Dwar it-tagħlim soċjali tal-knisja kattolika, speċjalment fejn jintlaqat is-soċjaliżmu, ara l-artiklu tiegħi "Jista' n-Nisrani jkun Soċjalista" li deher f'"It-Torċa" tal-15/8/76.

13. **ANARKISTI**, fit-tejorija politika, huma dawk li jridu soċjeta' bla

# Werrej tal-kliem


**A**

adulterju 47
Afrika t'isfel 31, 36
Alla 9, 15, 16, 25
alla mara 23
anarkisti 17 ara nota 13
antik testment 23
atti kriminali tal-borgesija 36, 37
avukati 36
avukat tal-fqar 37
avvanz teknoloġiku 27
awtorita (ġejja minn Alla) 9

**B**

bażi militari 35
bhima, bhejjem 18, 23, 25
bidla minn ġewwa 16
bigottiżmu 47
bilanċ tal-pagamenti 48.49
bniedma inferjuri (mara) 21
"bread-winner" 22
burġeżija 8, 9, 11, 25, 37, 38 ara nota 9
bżulija, bieżel 15, 16, 17, 18

**C**

Camilleri Dr. Benny 31
Camilleri Dr. G.M. 31
Chiang Kai Shek 34
Cili 1, 13
Cina 14, 31, 34
Cippitati, Cippitatiżmu 26, 27
creche 22

**D**

delinkwent 36
demokrazija 2, 31, 42, 48, 49, 50
demokristjani 20, 31
dipressjoni l-kbira 8
dittatura 1, 10, 13, 16, 17, 29, 32
dittatura faxxista 13
dittatura kapitalista 10
dittatura tal-ħaddiema 1, 17
dittatura tal-proletarjat 32 ara nota 19
dnub 23, 31, 36
dritt divin 48
duttrina komunista 31, 32
duttrina soċjalista 1, 7, 13, 16, 26, 43

**E**

edukazzjoni 5, 20, 21, 35, 39-41
edukazzjoni ogħla 35, 39-41
Efesin (ittra lill-) 23
effiċjenza 8, 9, 49
egoiżmu, egoista 6, 7, 10, 11, 14, 25
ekonomika (setgħa) 9, 42
ekonomiku (żvilupp) 24, 41
ekwilibrju 8
elezzjoni 9, 11, 32, 36
emanċipazzjoni (tal-mara) 19 sa 24
emanċipazzjoni (tar-raġel) 21, 22, 23
Esodu (ktieb tal-) 23
eżami tar-reliġjon 47

**F**

faqar 1, 5, 15, 16, 25
faxxiżmu, faxxisti 2, 25, 27, 29, 31, 41-42
fewdaliżmu/soċjeta' fewdali 9, 25 ara nota 16
films pornografiċi 47
flus barranin 48, 49
forom ta' soċjaliżmu 17
fqar (avukat tal-) 37
Franco 29
Front Popolari 29 ara nota 17

**G**

General Workers Union 1, 34
gideb 28
Gramsci 14
"grants" 39-41
gula 15, 16, 17
gvern soċjalista malti 16, 18, 44, 49
gwerra, gwerer 9, 13, 33, 42

**Ġ**

Ġappun, Ġappuniżi 34
ġenna 15
ġid komuni 14
ġid (tqassim tal-) 1, 10, 15, 17, 26, 42, 43
ġlieda politika-reliġjuża 48
Ġnus Magħquda 33
ġustizzja 6, 12, 16, 38
ġustizzja soċjali 6, 12

**GĦ**

għajnuna finanzjarja 37, 39
għan soċjalista 1, 13, 14, 16, 32
għażla (fis-suq) 3, 4
għażż, għażżien 1, 15, 16, 17, 18, 43

**H**

hawn (m'ahniex għal) 25

**Ħ**

ħabs 36
ħajja nisranija 14.15
ħajja umana 9, 13, 45, 48
ħaqq 1
ħażen soċjali 13
ħelsien 1, 10, 20, 21, 22, 23, 24, 33-35
ħelsien tal-mara 20-24
ħidma bla serħan 10
ħieles (kummerċ) 4, 5, 8, 10, 24
ħieles (xogħol) 6
ħielsa (soċjeta') 17
Hitler 11, 42
ħlas indaqs 22
ħniżrija, ħanżir (ara gula)

**I**

id (ħaddiema u xogħol tal-) 2, 4, 11, 18, 26, 49, 50
id moħbija 8
idejal soċjalista 1, 10, 11, 13 17, 18, 43
ilsien Malti 25
imgħax 3, 11
imħabba 13, 46
Imħallfin (ktieb tal-) 23
imperjaliżmu, imperjalisti 14, 27, 33-35
inċentiv 5
indipendenza 33, 34, 35
indottrinazzjoni 10, 42
industrijali (taqliba) 9
Ingilterra, ingliżi 33, 35
injoranza (żmien l-) 48
internazzjonali ara nota 14
ipokresija 46-48
Italja 31
Iżrael 33

**K**

kapitaliżmu 5, 24, 25, 27, 31
kariga (tal-ħaddiema) 18, 19
karriera (tal-mara) 22
kattoliċiżmu/reliġjon kattolika 14, 15, 23, 45, 46
kċina (post il-mara) 20, 22
Kim il Sung 14
kindergarten 22
kleru 9, 25, 31
kolonjaliżmu, kolonja 13, 33, 34, 35
kompetizzjoni (fis-suq) 3, 10, 25
komunita 1, 6, 10, 13
komuniżmu, komunisti 1, 17, 29, 31-32, 47 ara nota 14
Konċilju Vatikan 46
konservativi 26, 27, 31
konsumatur 3, 8, 36
koperazzjoni 6, 8, 9, 17, 29, 43
Korea ta' Fuq 31
Korintini (ittra lill-) 15
korruzzjoni 9, 28, 29, 31, 43
kostituzzjoni 35, 47
kotra 9, 10-11, 14
knisja 14-15, 23, 46-48
krejattiv (xogħol) 6
Kristu 15, 47
Kuba 31
kult (tal-fertilita) 23
kulturali (żvilupp) 24
kummerċ ħieles 4, 5, 8, 10, 24
kumpaniji multinazzjonali 33
Kunsill Rappreżentattiv tal-Istudenti 41
Kunsill Rappreżentattiv Żgħażagħ Maltin 44
kuntrabandun 36, 47
kustilja tar-raġel 23
kuxjenza 32, 46, 47

**L**

lagħqa 13, 34
laisser-faire 5
legali (riformi) 19, 35
Leħen is-Sewwa 46-47
Lenin 32
liberta 2, 5, 32, 47
liberta tal-kuxjenza 47
liġi, liġijiet 7, 35-37, 45
liġijiet inġusti 36
lussu 11, 39

**M**

Malta "kattolika" 46
Malti (ilsien) 25
Mao Tse Tung 14, 34
mara, nisa 19-24, 27, 31, 36, 46
Marx, marxisti 14, 31, 32 ara nota 11
materjali (setgħa) 16
materjaliżmu 48
mediku (servizz) 38-39
mexxej tal-M.L.P. 1, 31
mezzi għat-twettiq tal-idejal 1
mezzi tal-produzzjoni 6, 8, 9, 16, 20, 25, 42, 49-50
Mifsud Bonnici Dr. Ugo 27
Mintoff Dom 1 13, 31
moħħ (ħaddiema u xogħol tal-) 2, 4, 11, 18, 26, 49, 50
mogħdija għas-soċjaliżmu 1, 10
monopolju 3, 4, 5
moralita 7, 8, 15, 37, 43, 45
moralita kapitalista 7, 8, 43
moralita' nisranija 15
moralita' soċjalista 37
Mument (il-gazzetta) 27, 29
Mussolini Benito 29, 42
moviment għall-ħelsien 33, 34, 35
muviment għall-ħelsien tal-mara 20
muviment għall-emanċipazzjoni tal-mara 20, 24
muviment tal-ħaddiema 9, 34, 42

**N**

N.A.T.O. 2
natura tal-bniedem 8
nażiżmu, nażisti 2
nazzjonalisti 2, 21, 24-26, 27, 28, 29, 35
nazzjonaliżmu 34, 41
nazzjonalizzazzjoni 39
negozju ħieles (ara kummerċ ħieles)
negozjanti 11, 19, 24, 42
neo-kolonjaliżmu 33-35
"net-profit" 5
nisranija (ħajja) 14, 15
nisa (vot) 27, 31, 36
nobbli, nobbilta 9, 25
nobbli (għan tas-soċjaliżmu) 16
nobbli (xogħol) 18
"non-alligned" ara nota 10
nsara (prinċipji) 46
nsara (valuri) 46

**O**

oppju (kapitalista) 7
opportunisti 25

**P**

paga 3, 11, 18, 19, 37, 49, 50
paga minima 18, 37
pagi baxxi 19
papa Pawlu VI 14
parlament, sistema parlamentari 2, 9, 13, 32, 45
parteċipazzjoni tal-ħaddiema 48-50
partit laburista 23, 25
partit komunista malti 14
partit nazzjonalista 24-28, 30
partit soċjalista malti 17, 18, 30-32, 44, 46
partiti komunisti 2
partiti tal-lemin 20
Pawl (San) 15
pinna (ħaddiema u xogħol tal-) 2, 4, 11, 18, 26, 49, 50
Pinochet 29
pjan edukattiv 41
politika (qawwa) 9, 42
politka-reliġjuża ġlieda 48
politika għaż-żgħażagħ 44
pożizzjoni fl-impieg 18
pożizzjoni tal-mara 21-22
Populorum Progressio 14
produzzjoni (mezzi tal-) 6, 8, 9, 16, 20, 25, 42, 49-50
professjonisti 19, 24
profitti 10, 11, 49
programm elettorali 35
progress 27, 28, 29, 48
progressivi/a 1, 7, 26, 27, 28
proletarjat 8, 32 ara nota 18
proprjeta' 7, 9, 11, 14, 23 u ara nota 8
proprjeta' privata 7
prostituzzjoni 12, 47
pulizija sigrieta 42

**Q**

qawmien tal-ħaddiem 30
qawwa ekonomika 9
qawwa politika 9
qawwa rejazzjonarja 10
qawwa tal-kotra 10, 11
qligħ 2-5, 6, 7, 8, 10, 11, 12, 18, 40, 48-50,
qligħ żejjed 2-5, 12
qligħ baxx 12, 19
qmis sewda 30
qorti 35-38
qorti distrettwali 38

quċċata taċ-ċivilta 13

R
raġel (emanċipazzjoni tar-) 22, 23, 24
razza 36
razziżmu 27, 42
rejazzjonarji 1, 10, 17, 26, 27, 28, 30, 35, 44, 47
relazzjonijiet soċjali 9
reliġjon 7, 15, 20, 21, 23, 24, 42, 45-46, 47
reliġjuż (xkiel) 20
riċessjoni 5, 8
rivuluzzjoni, 13, 17, 32
rjus tad-dnubiet mejta 15, 17
Russi 29, 32

S
salvazzjoni 7, 15
sehem il-ħaddiema 48-50
serq 8, 12, 13, 25, 36
servizz ċivili 28, 34
setgħa 9, 10, 16, 42, 48, 10-11
setgħa edukatliva 11
setgħa ekonomika 9, 11 42,
setgħa materjali 16
setgħa politika 42, 48
setgħa reliġjuża 11
settur privat 12, 49
sfruttar 5, 7, 8, 10, 13, 25
sick-leave (għall-mara tad-dar) 21
sinjuri (tfal tas-) 41
sistema parlamentari (ara parlament)
skarsezza artifiċjali 28, 36
skola 12
skwadri faxxisti 29
soċjalista (duttrina) 1, 7, 13, 16, 26, 43
soċjalista (idejal) 1, 10, 11, 13, 17, 18, 43
soċjalista (soċjeta') 1, 16, 43, 45
soċjalisti demokratiċi 1, 17 ara nota 4, 14
soċjalisti (liġijiet) 7
soċjaliżmu, passim.
soċjeta' fewdali 9, 25
soċjeta' ġusta 14
soċjeta' ħielsa 17
soċjeta' l-antika 35
soċjeta' soċjalista 1, 16, 43, 45
sostituti (prodotti fis-suq) 3, 4, 5
Spanja 31
spekulazzjoni 36
speċi umana 6-7
spiritwali (għan) 15
Stati Uniti 31, 33
strajk 29
studenti 27, 39-40

T
taqliba 2, 9, 10, 13, 22, 28, 43
taqliba industrijali 9
tattika 2, 13
tbarrija 6, 7, 20
Tasselonjani (ittra lit-) 15
testment antik 23
tmexxija soda 10
tobba 38-39
Toga (It-) 41
tqala 22
twemmin soċjalista 13, 43 ara wkoll 'duttrina soċjalista'

U
uman, umanita 6, 7, 10, 13, 17, 20, 21, 45, 48
umana (ħajja) 10, 17, 45, 48
umana (komunita) 13
umana (soċjeta') 10, 13, 17
umana (speċi) 6-7
ugwaljanza 10, 12, 15, 20
universita' 5, 41 (ara wkoll edukazzjoni ogħla)

V
valur tal-produzzjoni 3-4
valur żejjed 3 ara nota 6
valuri 37, 44, 46-48
vanġelu 46
Vatikan (Konċilju) 46
Vatikan (ftehim mal-) 47 ara nota 21
virtujiet 15, 17
Vjetnam 13, 31, 33
vjolenza 13, 29-30, 32,42
vjolenza organizzata 30
vot (tan-nisa) 27, 31, 36

W
"welfare-state" 16
"white-collar crimes" 36

X
xkaffa (mara fuq l-i) 22
xkiel 20, 30
xkiel legali, edukattiv u reliġjuż 20
xogħol ħieles 6
xogħol krejattiv 6
xogħol nobbli 18
xogħol spontanju 6
xogħol tad-dar 22
xogħol uman 6
xovinisti 34 ara nota 22

Ż
żejjed (qligħ) 3, 4, 5, 6
żejjed (valur) 3
żgħażagħ 42-44
żvilupp soċjali 24
żvilupp ekonomiku 24, 41
żvilupp kulturali 24
żwieġ 27, 35, 45
żwieġ ċivili 27